Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

14 ta' Mejju, 2004

## ATT Nru. III ta' l-2004

*ATT biex jemenda diversi liġijiet*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2004 biex Jemenda Diversi Liġijiet. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra fid-diversi taqsimiet ta' l-Att, dan l-Att għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

### Taqsima I

**2.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet. Att IX ta' l-2003.

(2) Din it-Taqsima għandha titqies li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru, 2003.

**3.** Minnufih qabel l-artikolu 127 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-intestatura "Taqsima XXIV" għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej: Emenda ta' Taqsima XXIV ta' l-Att prinċipali.

"Emenda ta' Att III ta' l-2002.

126A. Din it-Taqsima temenda l-Att ta' l-2002 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, u għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għal ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.".

Emenda ta' Taqsima XXV ta' l-Att prinċipali.

**4.** Minnufih qabel l-artikolu 128 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-intestatura Taqsima XXV, għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Emenda tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

127A. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali, u għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.".

## Taqsima II

Emenda ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

**5.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn iżjed 'il quddiem msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha titqies li daħlet fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għar-relazzjonijiet industrijali jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi sakemm din tkun data li ma tiġix qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-artikolu rispettiv emendat b'din it-Taqsima.

Emenda ta' l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali.

**6.** Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Fil-każi kollha" għandhom jidħlu l-kliem "li ma hemmx provdut dwarhom fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu".

Emenda ta' l-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali.

**7.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "taħt l-artikolu 68" għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 69".

Emenda ta' l-artikolu 75 ta' l-Att prinċipali.

**8.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 75 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "xi dmir" għandhom jidħlu l-kliem "li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali.".

## Taqsima III

**9.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363.

**10.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 72 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "sad-Disa' Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "sa l-Għaxar Skeda". Emenda ta' l-artikolu 72 ta' l-Att prinċipali.

## Taqsima IV

**11.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa. Att XII ta' l-2003.

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas-saħħa jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

**12.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "Unjoni Ewropea" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Żona Ekonomika Ewropea" tfisser iż-żona magħmula mill-istati li huma partijiet fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minbarra Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea; u ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tfisser il-ftehim li jistabbilixxi dik iż-żona li Malta saret parti minnha konformement mat-Trattat;";

(b) it-tifsira "Stat Membru" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Stat Membru" tfisser stat membru ta' l-Unjoni Ewropea, stat fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Isvizzera jew kull stat ieħor skond ma l-Ministru jista' jordna;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "pajjiż terz" tfisser kull pajjiż li mhux stat membru;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**13.** Minflok is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) (a) Persuna jkollha biss jedd tuża xi wieħed mit-titoli ta' professjonist elenkati fil-paragrafu (b) ta' dan is-subregolament, jekk tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet biex tibda u teżerċita, ġewwa Malta, dik il-professjoni tal-kura medika li t-titolu jkun jirreferi għaliha.

(b) It-titoli msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament huma:-

(i) tabib
(ii) kirurgu dentali
(iii) qabla
(iv) infermier
(v) *pharmacy technician*
(vi) spiżjar.

(3) Professjonist fil-kura medika li jkun ċittadin ta' Malta jew li jkun persuna li xort'oħra jkollha jedd skond il-liġi, jew li tkun awtorizzata, taħdem ġewwa Malta, u li twettaq il-kondizzjonijiet biex tibda u teżerċita l-professjoni tagħha f'Malta, ikollha jedd tuża t-titolu akkademiku leġittimu tagħha sakemm dan ma jkunx identiku mat-titolu professjonali, jew meta jkun adatt l-abbrevjazzjoni tiegħu, ta' l-Istat Membru ta' oriġni jew ta' l-Istat Membru ta' provenjenza, bil-lingwa ta' dak l-Istat:

Iżda jekk it-titolu akkademiku użat fl-Istat Membru ta' oriġni jew fl-Istat Membru ta' provenjenza tal-professjonist tal-kura medika jista' jitħawwad ma' xi titolu f'Malta li jkun jeħtieġ taħriġ addizzjonali li huwa ma jkunx għamel, allura l-Kunsill rilevanti jista' jitolbu juża dak it-titolu fi kliem adatt skond ma jħejji dak il-kunsill.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**14.** Subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) paragrafi (e) sa (g) tas-subartikolu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (i) sa (k) rispettivament; u

(b) minnufih wara paragrafu (d) tas-subartikolu għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi li ġejjin:

"(e) li jgħarraf Stat Membru ta' oriġni jew Stat Membru li minnu jkun ġej nazzjonali barrani, b'kull ħaġa serja li tkun ġrat barra mit- territorju tiegħu, qabel ma dik il-persuna tiġi stabbilita f'Malta u li x'aktarx li jkollha effett fuq li jibda l-attività ta' xi waħda mill-professjonijiet regolati minnu f'Malta;

(f) li jivverifika l-eżattezza tal-fatti komunikati lilu minn Stati Membri oħra, jiddetermina x-xorta u l-limiti ta' kull investigazzjoni li jkollha ssir konformement ma' dan, u li jgħarraf lil tali Stati Membri b'kull azzjoni meħuda dwar ċertifikati jew dokumenti minnhom maħruġin;

(g) li jiżgura l-konfidenzjalità ta' informazzjoni li tingħadda lill-Istati Membri l-oħra;

(h) li tgħaddi lil dak l-Istat Membru kull informazzjoni dwar miżuri meħuda għar-rigward ta' professjonist tal-kura medika kif ukoll dwar kull piena kriminali imposta fuq dawk il-professjonisti;".

**15.** L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew ta' persuna li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 ta' Regolament 1612/68 EEC jew ta' persuna li tkun ġiet stabbilita fi Stat Membru"; u

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu minflok il-kliem minn "xi kwalifika, miksuba" sal-kliem "mill-Kunsill Mediku:" għandhom jidħlu l-kliem "kwalifika rikonoxxuta għal dak l-għan minn xi Stat Membru, miksuba minn Kulleġġ Universitarju, jew Skola Medika:" u minflok il-kliem "l-Kunsill Mediku jista', dwar dik il-kwalifika" fil-proviso li hemm miegħu, għandhom jidħlu l-kliem "għar-rigward ta' applikanti ġejjin minn pajjiżi terzi, li l-kwalifiki tagħhom ma jkunux ġew rikonoxxuti fi Stat Membru, il-Kunsill Mediku jista', għar-rigward ta' dawk il-kwalifiki"; u

(b) minnufih wara subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan li ġej:

"(4) Il-Kunsill Mediku jista' jeħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jikkonfermaw l-awtentiċità ta' diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifika formali li jagħtu wieħed x'jifhem li jkunu ġew maħruġin f'dawk l-Istati Membri kif ukoll biex jikkonfermaw li dik il-persuna tkun wettqet kull ħtieġa ta' taħriġ stipulata b'dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

**16.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru li jkollu" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru, jew ta' persuna li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' Regolament 1612/68 EEC jew ta' persuna li tkun ġiet stabbilita fi Stat Membru, li jkollu"; u

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem minn "kwalifika, miksuba minn xi" sal-kliem "mill-Kunsill Mediku" għandhom jidħlu l-kliem "kwalifika rikonoxxuta għal dak l-għan minn Stat Membru, miksuba minn xi università, kulleġġ jew Skola Medika" u minflok il-kliem "l-Kunsill Mediku jista', għar-rigward ta' dik il-kwalifika" fil-proviso li hemm miegħu, għandhom jidħlu l-kliem "għar-rigward ta' applikanti ġejjin minn pajjiżi terzi li tagħhom l-kwalifiki ma jkunux ġew rikonoxxuti fi Stat Membru, il-Kunsill Mediku jista', għar-rigward ta' dawk il-kwalifiki"; u

(b) minnufih wara subartikolu (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli (3) u (4) li ġejjin:-

"(3) Il-Kunsill Mediku jista' jeħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jikkonfermaw l-awtentiċità ta' diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali maħruġin f'tali Stat Membru, kif ukoll jikkonfermaw li dik il-persuna tkun wettqet kull ħtieġa ta' taħriġ stipulata b'dan l-Att.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) il-Kunsill Mediku għandu jżomm reġistru fejn, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant minn dik il-persuna, għandu jitniżżel għal perjodu ta' mhux iżjed minn sena l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru li jkun ikkwalifika għall-kwalifiki elenkati fil-paragrafi (a) jew (b) jew, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) imma li jkun għadu ma kisibx dik il-kwalifika.".

**17.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

(a) paragrafi (e) sa (f) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (i) sa (k) tiegħu; u

(b) minnufih wara paragrafu (d) tiegħu għandhom jidħlu dawn il-paragrafi li ġejjin:

"(e) li jgħarraf lill-Istat Membru ta' oriġni jew l-Istat Membru li minnu jkun ġej nazzjonali barrani, b'kull ħaġa serja li tkun ġrat barra mit-territorju tagħhom, qabel ma dik il-persuna tiġi stabbilita f'Malta, u li x'aktarx li jkollha effett fuq li tibda twettaq attività ta' xi professjoni regolata minnha f'Malta;

(f) li jivverifika l-eżattezza tal-fatti komunikati lilu minn Stati Membri oħra, jiddetermina x-xorta u l-limiti ta' kull investigazzjoni li jkollha ssir konformement ma' dan u jgħarraf lil dak l-Istat Membru b'kull azzjoni meħuda dwar iċ-ċertifikati jew dokumenti maħruġin minnhom;

(g) li jiżgura l-konfidenzjalità ta' informazzjoni li tingħadda lil Stati Membri oħra;

(h) li jgħaddi lil dak l-Istat Membru kull informazzjoni dwar miżuri meħuda għar-rigward ta' professjonist fil-kura medika kif ukoll dwar pieni kriminali imposti fuq dak il-professjonist;".

**18.** L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew ta' persuna li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 ta' Regolament 1612/68 Eċċ jew ta' persuna li tkun ġiet stabbilita fi Stat Membru"; u

(ii) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) kwalifika rikonoxxuta għal dak l-għan minn Stat Membru miksuba minn Università, Kulleġġ jew istituzzjoni rikonoxxuta:

Iżda għar-rigward ta' applikant ġej minn pajjiż terz, li l-kwalifiki tiegħu ma jkunux ġew rikonoxxuti fi Stat Membru, il-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' għar-rigward ta' dik il-kwalifika, jeħtieġ lill-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika u jista' wkoll jeħtieġ lil dak l-applikant jagħmel aktar taħriġ bħala spiżjar fi stabbiliment farmaċewtiku rikonoxxut għal dak l-għan minn dak il-Kunsill."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(3) (a) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' jeħtieġ lil awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jikkonfermaw l-awtentiċità ta' diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali maħruġin f'tali Stat Membru, kif ukoll jikkonfermaw li dik il-persuna tkun wettqet kull ħtieġa ta' taħriġ stipulata b'dan l-Att.

(b) Diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali bħala spiżjar li kienu ngħataw lil nazzjonali ta' Stati Membri minn Stati Membri u li ma jkunux jissodisfaw kull ħtieġa ta' taħriġ minima stipulata taħt dan l-Att, għandhom jitqiesu bħala diplomi li jissodisfaw dawn il-ħtieġiet jekk dawn ikunu prova ta' taħriġ li jkun intemm qabel l-implimentazzjoni ta' Direttiva 85/432/ECC jew ikunu prova ta' taħriġ li jkun intemm wara imma li jkun inbeda qabel l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva, u f'kull każ jekk dawn ikollhom magħhom ċertifikat li jkun juri li d-detentur tagħhom aġixxa

effettivament u leġittimament bħala spiżjar fi Stat Membru mill-inqas għal tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel l-għoti taċ-ċertifikat u iktar minn hekk sakemm dak l-aġir u attività jkunu regolati f'dak l-Istat.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jżomm reġistru fejn, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant minn dik il-persuna, għandhom jitniżżlu għal perjodu ta' mhux iżjed minn sena l-ismijiet ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru li jkun ikkwalifika għall-kwalifiki elenkati fil-paragrafi (a) jew (b) jew, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) imma li jkun għadu ma kisibx dik il-kwalifika.".

**19.** Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej: Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

"(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jżomm reġistru fejn, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant minn dik il-persuna, għandhom jiġu reġistrati għal perjodu ta' mhux iżjed minn sena l-ismijiet ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru li jkun ikkwalifika għall-kwalifiki elenkati fil-paragrafi (a) jew (b) jew, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1), imma li jkun għadu ma kisibx dik il-kwalifika.".

**20.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

(a) paragrafu (e) sa (g) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala paragrafi (i) sa (l) tiegħu rispettivament; u

(b) minnufih wara paragrafu (d) tiegħu għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(e) li jgħarraf lill-Istat Membru ta' oriġni jew lill-Istat Membru li minnu n-nazzjonali barrani jkun ġej, b'kull ħaġa serja li tkun ġrat barra minn Malta, qabel ma dik il-persuna tiġi stabbilita f'Malta, u li x'aktarx li jkollha effett jekk dik il-persuna tibda taġixxi f'xi professjoni regolata minnu f'Malta;

(f) li jivverifika l-eżattezza tal-fatti komunikati lilu minn Stati Membri oħra, jiddeċiedi x-xorta u l-limiti ta'

kull investigazzjoni li jkollha ssir konformement ma' dan u tinforma tali Stat Membru b'kull azzjoni meħuda dwar iċ-ċertifikati jew dokumenti maħruġin minnhom;

(g) li jiżgura l-konfidenzjalità ta' kull informazzjoni li tingħadda lil Stati Membri oħra;

(h) li tgħaddi lil xi Stat Membru bħal dak kull informazzjoni dwar miżuri meħuda għar-rigward ta' professjonist fil-kura medika kif ukoll dwar pieni kriminali imposti fuq dik il-professjoni;".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

**21.** Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jżomm reġistru fejn, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant minn dik il-persuna, jiġu fih reġistrati għal perjodu ta' mhux iżjed minn sena l-ismijiet ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru li jkun ikkwalifika għall-kwalifiki elenkati fil-paragrafi (a) jew (b) jew, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1), imma li jkun għadu ma kisibx dik il-kwalifika.".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

**22.** L-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3); u

(b) minflok is-subartikolu (1) għandhom jidħlu dawn is-subartikoli (1) u (2) li ġejjin:

"(1) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jżomm reġistru, f'dan l-Att msejjaħ "ir-Reġistru tal-Qwiebel" fejn wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant minn dik il-persuna għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew ta' persuna li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 ta' Regolament 1612/68/EEC jew ta' persuna li tkun ġiet stabbilita fi Stat Membru li jkollha:

(a) il-grad jew id-diploma fi studji dwar affarijiet tal-qwiebel mill-Università ta' Malta, jew

kwalifika ekwivalenti dwar affarijiet tal-qwiebel mogħtija mill-Iskola ta' l-Infermiera; jew

(b) kwalifika dwar affarijiet tal-qwiebel elenkati fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u li tkun konformi ma' xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) taħriġ *full-time* f'affarijiet tal-qwiebel li jdumu mill-inqas tliet snin, jew jekk ikun hemm pussess ta' diploma, ċertifikat jew kull prova oħra ta' kwalifiki formali li jagħtu dritt ta' dħul f'università jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla jew, fin-nuqqas, li jagħtu prova ta' livell ekwivalenti ta' għarfien,

jew

(ii) jekk tkun segwita minn prattika professjonali li dwarha ċ-ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġni jew ta' l-Istat Membru li minnu jkun ġej in-nazzjonali barrani, li tiċċertifika li d-detentriċ tkun b'mod sodisfaċenti, wara li tkun ikkwalifikat bħala qabla, wettqet kull attività ta' qabla fi sptar jew istituzzjoni oħra tas-saħħa approvata għal dak l-għan, għal perjodu stabbilit kif ġej:- sentejn fil-każ ta' taħriġ *full-time* li jdum mill-inqas sentejn jew 3600 siegħa, u sena fil-każ ta' taħriġ *full-time* li jdum mill-inqas 18-il xahar jew 3000 siegħa.

F'dawn il-każijiet il-Kunsill għandu jirrikonoxxi d-diploma, ċertifikat u kull prova oħra ta' kwalifika formali tal-qwiebel mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' Direttiva 80/154/EEC, msieħba minn ċertifikat li jkun juri li d-detentriċi tagħhom tkun effettivament u leġittimament eżerċitat l-attivitajiet ta' qabla għal mill-inqas sentejn matul il-ħames snin qabel il-ħruġ ta' ċertifikat;

(ċ) fil-każ ta' nazzjonali ta' l-Istati Membri li tagħhom diplomi, ċertifikati jew kull prova oħra ta' kwalifiki formali ma tkunx tissodisfa il-ħtieġiet ta' taħriġ minimi stipulati taħt dan l-Att, il-Kunsill

għandu jirrikonoxxi bħala prova biżżejjed id-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali tal-qwiebel mogħtija minn dawk l-Istati Membri qabel u matul il-perjodu ta' mhux iżjed minn sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' Direttiva 80/154/EEC, msieħba minn ċertifikat li jkun juri li dawk in-nazzjonali jkunu effettivament u leġittimament qegħdin jeżerċitaw dawk l-attivitajiet għal mill-inqas tliet snin matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat;

(d) kwalifika f'affarijiet tal-qwiebel rikonoxxuta għal dak l-għan minn Stat Membru, miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola dwar affarijiet tal-qwiebel rikonoxxuta minn Stat Membru.

(2) Għar-rigward ta' applikanti ġejjin minn pajjiżi terzi, li l-kwalifiki tagħhom ma jkunux ġew rikonoxxuti fi Stat Membru, il-Kunsill jista', għar-rigward ta' dik il-kwalifika, jeħtieġ li dak l-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika.".

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

**23.** Minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(5) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jżomm reġistri kif deskritti fis-subartikoli 2 (a), 2 (b) u (ċ) fejn wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant minn dik il-persuna, għandhom jitniżżlu rispettivament l-ismijiet ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' stat membru li jikkwalifika għall-kwalifiki elenkati fis-subparagrafi (i) jew (ii) jew, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a), il-kwalifiki elenkati fis-subparagrafu (i) jew bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b), u l-kwalifiki elenkati f'subparagrafi (i) jew (ii) jew, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-provisos li hemm miegħu, subparagrafu (iii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2), imma li jkunu għadhom ma kisbux dawk il-kwalifiki.

(6) Il-Kunsill jista' jitlob lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri sabiex jikkonfermaw l-awtentiċità tad-diplomi, ċertifikati u prova oħra ta' kwalifiki formali li jkunu nħarġu f'dak l-Istat Membru, kif ukoll konferma illi l-persuna konċernata issodisfat ir-rekwiżiti kollha ta' taħriġ mwaqqfa b'dan l-Att.".

**24.** Minnufih wara subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

"(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina għandu jżomm reġistru separat għal kull waħda mill-professjonijiet elenkati fit-Tielet Skeda, fejn għandhom jiġu reġistrati, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant minn dik il-persuna, l-ismijiet ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru li jkun ikkwalifika għall-kwalifiki msemmija fil-paragrafi (a) jew (b) jew, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm miegħu, paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1), imma li jkunu għadhom ma kisbux dik il-kwalifika.".

**25.** L-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tas-subartikolu (9) tiegħu;

(b) minflok il-proviso li hemm mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda meta il-Kunsill rilevanti jgħarraf lill-Istat Membru ta' oriġni jew l-Istat Membru li minnu l-applikant jkun ġej, b'xi ħaġa serja li tkun ġrat barra minn Malta, qabel ma dik il-persuna tiġi stabbilita f'Malta, u li x'aktarx li jkollha effett fuq li hija tibda teżerċita professjoni regolata minn dak il-Kunsill f'Malta, l- awtorità kompetenti ta' l-istat membru ta' oriġni jew ta' l-Istat Membru li minnu l-applikant jkun ġej tista' titlob li jerġa' jsir eżami mill-ġdid tal-kwistjoni, u talba għal eżami mill-ġdid għandha tissospendi l-perjodu ta' tliet xhur hawn qabel imsemmi. Il-Kunsill rilevanti għandu jeżamina mill-ġdid il kwistjoni u jagħti risposta lill-awtorità kompetenti fi żmien tliet xhur wara li jkompli l-proċess għar-reġistrazzjoni.";

(c) minnufih wara paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan il-paragrafu (b) li ġej:

"(b) (i) Ċertifikat li jafferma l-karattru tajjeb jew reputazzjoni tajba maħruġin minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġni jew l-Istat Membru li minnu jkun ġej nazzjonali barrani għandu jkun prova biżżejjed ta' dak il-fatt.

(ii) Meta l-Istat Membru ta' oriġni jew l-Istat Membru li minnu jkun ġej nazzjonali barrani ma jkunx jeħtieġ prova ta' karattru tajjeb minn persuni li jixtiequ jibdew dik l-attività għall-ewwel darba, il-Kunsill rilevanti jista' jeħtieġ lil nazzjonali ta' l-Istat Membru ta' oriġni jew ta' l-Istat Membru minn fejn ikun ġej nazzjonali barrani estratt mir-*record* ġudizzjarju jew dokument ekwivalenti maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

(iii) Id-dokumenti u ċertifikati msemmija fis-subparagrafi preċedenti jistgħu jiġu ppreżentati wara li jiskadu tliet xhur mid-data tal-ħruġ.";

(d) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(4) (a) Nazzjonali ta' l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jipprovdu servizzi f'Malta għandhom ikunu assoġġettati għar-regoli ta' mġieba ta' xorta amministrattiva jew professjonali ordnati mill-Kunsill rilevanti.

(b) Meta l-għoti ta' servizzi jkun jinvolvi qagħda temporanja f'Malta, il-professjonisti tal-kura medika li jkunu ċittadini ta' Stat Membru għandhom jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' dawk is-servizzi. Huma għandhom ukoll ikunu awtomatikament temporanjament reġistrati mal-Kunsill rilevanti u dik ir-reġistrazzjoni ma għandhiex iddewwem, tikkomplika jew timponi spejjeż addizzjonali fuq il-professjonist tal-kura medika. F'każijiet ta' urġenza id-dikjarazzjoni tista' ssir kemm jista' jkun malajr wara li jkunu ġew provduti s-servizzi.

(ċ) Il-Kunsill rilevanti jista' minbarra d-dikjarazzjoni jitlob ukoll lil dik il-persuna tipprovdi dan id-dokumenti li ġej:

(i) ċertifikat li jkun juri li dik il-persuna tkun qegħda leġitti-mament teżegwixxi dawk l-attivitajiet fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit;

(ii) ċertifikat li dik il-persuna ikollha xi waħda jew oħra mid-diplomi, ċertifikati jew kull prova oħra ta' kwalifiki formali adatti għall-għoti ta' dawk is-servizzi. Dak iċ-ċertifikat għandu jiġi rtirat f'dawk il-każijiet meta l-Kunsill rilevanti temporanjament jew permanentement iċaħħad għal kollox jew biss f'parti, id-dritt li dik il-persuna jkollha bil-għan li twettaq xi attivita' ta' tabib.

(d) Id-dokumenti speċifikati fil-paragrafu preċedenti jista' ma jiġix ippreżentat wara li jiskadu 12-il xhar minn meta dawn jinħarġu.".

**26.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

"(1) (a) Nazzjonali ta' l-Istati Membri li tagħhom diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali ma jissodisfawx kull ħtieġa minima ta' taħriġ stipulata minn jew taħt dan l-Att, għandhom madankollu jkunu intitolati biex ikollhom isimhom imniżżel fir-reġistru rilevanti skond ma jiġi determinat mill-Kunsill rilevanti jekk l-Istat Membru li jkun ta l-kwalifika jiċċertifika li dak it-taħriġ ikun jissodisfa l-ħtieġiet ta' Direttivi 93/16EEC, 85/43EEC, 78/686EEC, 80/154EEC, u 77/453EEC, ikun qabel il-perjodi speċifikati hawn iktar ċl isfel d eżerċita professjoni tas-saħħa f'qasam ta' prattika regolat għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin preċedenti, fi Stat Membru u jkollu qagħda professjonali tajba u jkollu d-dritt li jipprattika fl-Istat Membru:

Iżda fil-każ ta' infermieri, l-attivitajiet għandhom ikunu inkludew responsabbiltà sħiħa għall-ippjanar, organizzazzjoni u twettiq tal-kura li tingħata minn infermier lil pazjent.

(b) Il-perjodi msemmija fil-paragrafu preċedenti għandhom ikunu kif ġej:

(i) Fil-każ ta' tobba: l-20 ta' Diċembru, 1976 għal Belġju, Danimarka, Ġermanja, Franza, Irlanda, Italja, Lussemburgu, Netherlands u Renju Unit, l-1 ta' Jannar, 1981, bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Spanja u Portugall, l-1 ta' Jannar, 1994, bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Awstrija, Svezja u Finlandja, l-1 ta' Mejju, 2004 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u l-pajjiżi ta' l-adeżjoni, Repubblika Demokratika tal-Ġermanja it-3 ta' Ottubru 1990. Għall-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea d-data tkun id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea dwar kull pajjiż rispettiv;

(ii) Fil-każ ta' dentisti : it-28 ta' Jannar, 1980 for Belġju, Danimarka, Ġermanja, Franza, Irlanda,

Lussemburgu, Netherlands u Renju Unit, l-1 ta' Jannar, 1981, bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Greċja, it-28 Lulju, 1984 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Italja, l-1 ta' Jannar 1986 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Portugall, l-1 ta' Jannar 1991 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Spanja, l-1 ta' Jannar, 1994 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Svezja u Finlandja, l-1 ta' Jannar 1999 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Awstrija, l-1 ta' Mejju 2004 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u l-pajjiżi ta' adeżjoni. Għall-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea id-data tkun id-data tal-bidu fis-seħħ tal- Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għal kull pajjiż rispettiv;

(iii) Fil-każ of infermieri : is-27 ta' Ġunju, 1979 għal Belġju, Danimarka, Ġermanja, Franza, Irlanda, Italja, Lussemburgu, Netherlands u Renju Unit, l-1 ta' Jannar, 1981, bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Greċja, l-1 ta' Jannar, 1986 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Spanja u Portugall, l-1 ta' Jannar, 1994 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Awstrija, Svezja u Finlandja, l-1 ta' Mejju, 2004 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u l-pajjiżi ta' adeżjoni. Għall-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea id-data tkun id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għal kull pajjiż rispettiv;

(iv) Fil-każ ta' spiżjara: l-1 ta' Ottubru, 1987 għal Belġju, Danimarka, Ġermanja, Greċja, Spanja, Franza, Irlanda, Lussemburgu, Netherlands, Portugall u Renju Unit, l-1 ta' Novembru, 1993 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Italja, l-1 ta' Jannar 1994 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Awstrija, Finlandja, Svezja, Norveġja u Islanda, 3 ta' Ottubru, 1990 għal Diplomi tal-Ġermanja mogħtija f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja, l-1 ta' Mejju 1995 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Lieċhtenstein, 1 ta' Ġunju, 2002 bejn il-pajjiżi hawn qabel imsemmija u Svizzera, l-1 ta' Mejju, 2004 bejn l-istati hawn qabel imsemmija u l-pajjiżi ta' adeżjoni. Għall-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea id-data tkun id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għal kull pajjiż rispettiv;

(v) Fil-każ ta' Italja, id-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina mogħtija fl-Italja lil kirurġi dentali li kienu bdew it-taħriġ tagħhom fil-mediċina fl-università mhux iżjed tard minn 18-il xahar wara n-notifika mill-Italja ta' Direttiva 78/686EEC, li magħha jkun hemm ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Italja, fejn jiġi ċertifikat li d-detentur ikun effettivament, leġittimament u prinċipalment jeżerċita ġewwa l-Italja l-attivitajiet speċifikati fl-artikolu 5 ta' Direttiva 78/687EEC għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat u li d-detentur ikun awtorizzat iwettaq dawk l-attivitajiet taħt l-istess kondizzjonijiet bħad-detenturi tad-diploma, ċertifikat jew kull prova oħra ta' kwalifiki formali msemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda l-ħtieġa ta' tliet snin esperjenza msemmija fil-proviso preċedenti għandha titwarrab fil-każ ta' kirurġi dentali li jkunu temmu b'su"ess mill-inqas tliet snin ta' studju li jkunu ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-artikolu 1 ta' Direttiva 78/687EEC.

(c) Il-Kunsill Mediku għandu jirrikonoxxi d-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina mogħtija fl-Italja lil kirurġi dentali li bdew it-taħriġ tagħhom fl-università bejn it-28 ta' Jannar 1980 u l-31 ta' Diċembru 1984 u li magħhom ikun hemm ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Italja li jkun juri:

(i) li dik il-persuna tkun għaddiet mill-eżami ta' kapaċità speċjalista li jsir mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Italja sabiex jiġi a"ertat il-pussess ta' livell ta' għarfien u ħiliet komparabbli ma' dak ta' persuni li jkollhom il-kwalifiki elenkati għall-Italja f'Taqsima IIA tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Il-ħtieġa li jsir l-eżami ta' kapaċità għandu madankollu jitwarrab fil-każ ta' persuni li jkunu temmu b'su"ess mill-inqas tliet snin studju li jkunu ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-artikolu 1 ta' Direttiva 78/687EEC;

(ii) li tkun effettivament, leġittimament u prinċipalment eżerċitat fl-Italja fl-attivitajiet speċifikati fl-

artikolu 5 ta' Direttiva 78/687EEC mill-inqas għal tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat; u

(iii) li jkunu awtorizzati jeżerċitaw fi, jew ikunu effettivament, leġittimament u prinċipalment qegħdin jeżerċitaw, l-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 5 ta' Direttiva 78/687EEC, bla ħsara għall-istess kondizzjonijiet bħal dawk ta' detenturi tal-kwalifiki elenkati għall-Italja fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(d) Fil-każ ta' spiżjara, il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jeħtieġ lil dawk id-detenturi ta' diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali fil-farmaċija mogħtija fl-Italja mat-tmiem ta' taħriġ mibdi qabel l-1 ta' Novembru 1993 u mitmum qabel l-1 ta' Novembru 2003 biex jipproduċu flimkien mal-kwalifiki tagħhom, ċertifikat li jkun juri li, mill-inqas għal tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat, huma kienu effettivament u leġittimament jeżerċitaw xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 1 (2) sakemm dik l-attività hija waħda regolata fl-Italja.

(e) Fil-każ ta' dentisterija speċjalizzata iċ-ċertifikat għandu jkun maħruġ mill-korp kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġni jew l-Istat Membru minn fejn ikun ġej in-nazzjonali barrani, li jkun juri li kien jeżerċita attivitajiet ta' dentisterija speċjalizzata għal perjodu egwali għal darbtejn id-differenza fit-tul ta' taħriġ speċjalizzat fl-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat u l-perjodu minimu ta' taħriġ imsemmi fid-Direttiva 78/687EEC. Madankollu jekk qabel ma din id-Direttiva tiġi implimentata, il-Kunsill ikun jeħtieġ perjodu ta' taħriġ minimu għal żmien iqsar minn dak imsemmi, id-differenza tista' unikament tiġi stabbilita biss minn riferenza għall-perjodu ta' taħriġ minimu stipulat mill-Kunsill.

(f) (i) Fil-każ ta' tobba, il-Kunsill Mediku għandu jirrikonoxxi prova ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata mogħtija fi Spanja lil tobba li temmew taħriġspeċjalizzat qabel l-Jannar 1995 li ma jkunux ikkonformaw mal-ħtiġiet ta' taħriġ formali stipulati taħt dan l-Att, jekk ikun hemm max-xiehda ċertifikat mogħti mill-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja li jaffermaw il-fatt li dik il-

persuna tkun għaddiet minn eżami ta' kompetenza speċifika professjonali organizzata fil-kuntest tal-miżuri ta' regolarizzazzjoni speċjali li jinsabu fid-Digriet Rjali ta' Spanja 1497/99 bil-għan li ssir verifika dwar jekk dik il-persuna ikollhiex livell ta' għarfien u kompetenza komparabbli ma' dik ta' tobba li jkollhom kwalifika ta' tobba speċjalisti msemmija taħt dan l-Att.

(ii) Fil-każ ta' mediċina speċjalizzata, it-taħriġ għandu jkun inbeda qabel l-1 ta' Jannar 1986 għal Spanja u Portugall, l-20 ta' Diċembru 1976 għall-Istati Membri l-oħra. Il-Kunsill Mediku jista' wkoll jitlob li d-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata jkollhom magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti jew korpi ta' l-Istat Membru ta' oriġni jew fl-Istat Membru li minnu jkunu ġejjin, li jkun juri li d-detentur tagħhom ikun eżerċita attivitajiet fil-mediċina speċjalizzata għal perjodu ekwivalenti għal darbtejn id-differenza bejn il-perjodu ta' taħriġ speċjalizzat ta' l-Istat Membru ta' oriġni jew ta' l-Istat Membru li jkunu ġejjin minnu, u l-ħtiġiet minimi dwar kemm idum it-taħriġ, meta dawn il-perjodi mhumiex daqs dawk stipulati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda meta qabel id-dati hawn qabel msemmija, il-Kunsill Mediku ħtieġ perjodu ta' taħriġ minimu inqas minn dak imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, id-differenza tista' biss tiġi determinata minn riferenza għal dak il-perjodu inqas ta' taħriġ minimu.

Madankollu, il-Kunsill Mediku għandu, fil-każ ta' tobba ġenerali li qabel l-1 ta' Mejju, 2004 ikollhom kwalifika rikonoxxuta minnu u li f'dik id-data jkunu stabbiliti f'Malta, jirrikonoxxi d-dritt ta' dawk it-tobba ġenerali biex jeżerċitaw dik l-attivita'.

(g) (i) Fil-każ ta' nazzjonali ta' l-Istati Membri li tagħhom diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina ikunu jaffermaw it-taħriġ fuq it-territorju ta' dik li kienet qabel ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja li ma jkunx jissodisfa kull ħtieġa ta' taħriġ minimu stipulata taħt dan l-Att, il-Kunsill Mediku għandu jirrikonoxxi dawk id-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali bħala prova biżżejjed jekk dawn ikunu jaffermaw taħriġ mibdi qabel

l-Għaqda tal-Ġermanja, jintitolaw lid-detentur tagħhom li jeżerċita fl-attività ta' tabib fuq il-medda kollha ta' territorju tal-Ġermanja taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk tal-kwalifiki mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja, u għandu jkun hemm magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja li jkun juri li dawk in-nazzjonali jkunu effettivament u leġittimament wettqu dawk l-attivitajiet fil-Ġermanja mill-inqas għal tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċerifikat.

(ii) Fil-każ ta' mediċina speċjalizzata, diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali li jaffermaw li d-detentur tagħhom ikun tħarreġ fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja li ma jissodisfawx il-ħtiġiet ta' taħriġ minimi stipulati taħt dan l-Att, il-Kunsill Mediku, għandu jirrikonoxxi dawk id-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali bħala li huma prova biżżejjed jekk dawn jaffermaw li jkun inbeda taħriġ qabel it-3 ta' April 1992, u jkunu jħallu li jsir l-eżerċizzju, bħala speċjalista, ta' dik l-attività fi ħdan it-territorju kollu tal-Ġermanja taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-kwalifiki mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja.

(iii) Il-Kunsill Mediku jista' jeħtieġ li d-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali jkollhom magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti jew korpi tal-Ġermanja li jkunu juru li d-detentur tagħhom kien, bħala speċjalista, jeżerċita dawk l-attivitajiet għal perjodu ekwivalenti għal darbtejn id-differenza bejn il-perjodu ta' taħriġ speċjalizzat riċevut fit-territorju tal-Ġermanja u d-dewmien minimu ta' taħriġ stipulat b'dan l-Att, meta dawn ma jkunux jissodisfaw dawk il-ħtiġiet ta' taħriġ minimi.".

Emenda ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

**27.** L-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jigi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) thereof għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta ċittadin ta' Stat Membru, li jkollu diploma, ċertifikat jew kull prova oħra ta' kwalifika formali miksuba barra mill-Unjoni Ewropea li tkun ġiet

rikonoxxuta minn Stat Membru u li jkun kiseb esperjenza fi Stat Membru jew pajjiżi terzi li tkun ukoll ġiet rikonoxxuta fi Stat Membru, japplika biex ikun reġistrat taħt dan l-Att, il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi dik id-diploma, ċertifikat u kull prova oħra ta' kwalifika formali u esperjenza u jiddeċiedi dwar dan mhux iżjed tard minn tliet xhur mill-ġurnata meta tiġi riċevuta t-talba, jew mill-ġurnata meta dik id-dokumentazzjoni tkun ġiet ippreżentata għalkollox, skond liema jkun l-iżjed tard, u għandu minnufih jgħarraf lill-applikant bil-posta reġistrata.";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5); u

(c) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(3) Meta applikant barra mill-Unjoni Ewropea li jkun xort'oħra eliġibbli li jiġi reġistrat ikollu diplomi, ċertifikati jew kull prova oħra ta' kwalifiki formali li jkunu ġew rikonoxxuti fi Stat Membru kif ukoll taħriġ li huwa jkun għamel u, jew esperjenza professjonali li jkun kiseb fi Stat Membru, japplika sabiex ikun reġistrat taħt dan l-Att, il-Kunsill għandu jeżamina l-prova dwar dawk il-kwalifiki, taħriġ u esperjenza u għandu jagħti d-deċiżjoni motivata tiegħu fu żmien 3 xhur mid-data meta l-applikant jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu flimkien ma' kull dokumentazzjoni ta' sostenn.

(4) Il-Kunsill rilevanti għandu, għar-rigward ta' nazzjonali of Stati Membri li d-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali tagħhom ma jikkorrispondux ma' l-ismijiet elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, jirrikonoxxi bħala prova biżżejjed, id-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri li jkollhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti li jkun juri li d-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali in kwistjoni ngħataw mat-tmiem ta' l-edukazzjoni u taħriġ li jikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u li huma ttrattati mill-Istat Membru li jagħtihom bħala ekwivalenti għal dawk li l-ismijiet tagħhom huma elenkati f'dik it-Tieni Skeda.".

**28.** Minnufih wara l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 44A ġdid li ġej:- Żieda ta' l-artikolu 44A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Kondizzjonijiet ta' impjieg.

44A. (1) Ebda tabib ma jista' jiġi impjegat fis-servizz nazzjonali tas-saħħa jekk huwa ma jkollux fil-pussess tiegħu diploma, ċertifikat u prova oħra ta' kwalifiki formali maħruġa minn awtorità kompetenti rikonoxxuta:

Iżda, persuni li jkunu qed jagħmlu kors ta' taħriġ speċifikament fil-qasam tal-mediċina tal-familja jew li qabel l-1 ta' Mejju, 2004 kellhom isimhom imniżżel fir-Reġistru Mediku jistgħu jkunu eżenti minn dan ir-rekwiżit. Dan japplika wkoll għal tobba li jkunu lestew il-kors ta' taħriġ fi Stat Membru ieħor.

(2) Il-Kunsill Mediku meta jkun mitlub, għandu joħroġ ċertifikat li jagħti d-dritt lil tobba li ma jkollhomx diploma, ċertifikat u prova oħra ta' kwalifiki formali iżda li għandhom id-dritt akkwiżit msemmi fis-subartikolu preċedenti, li jippratikaw bħala tobba tal-familja fis-servizz nazzjonali tas-saħħa.

(3) Il-Kunisll Mediku għandu għal ħtiġijiet ta' l-eżerċizzju ta' l-attività ta' tabib tal-familja fis-servizz nazzjonali tas-saħħa jirrikonoxxi diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali maħruġa lil nazzjonal ta' Stat Membru minn Stat Membru ieħor.

(4) Il-Kunsill Mediku għandu wkoll jirrikonoxxi ċ-ċertifikati msemmija fis-subartikolu (2), maħruġa lil nazzjonali ta' Stati Membri minn Stati Membri oħra, u għandu iqishom ekwivalenti fit-territorju tiegħu għal diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali li joħroġ huwa stess, u li jippermettu l-eżerċizzju ta' l-attività ta' tabib tal-familja fis-servizz tas-saħħa nazzjonali.".

Emenda ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

**29.** Minnufih wara s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(7) Sa dak iż-żmien meta l-Kunsill rilevanti huwa kostitwit kif imiss skond dan l-Att, il-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jestendi l-validità ta' kull liċenza temporanja maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, għall-eżerċizzju ta' kull Professjoni tas-Saħħa u kull persuna li tkun taqa' taħt dik il-liċenza temporanja matul il-perjodu ta' validità oriġinali jew kif estiża għandha titqies li tkun awtorizzata kif imiss biex teżerċita dik il-professjoni skond dan l-Att.".

Sostituzzjoni ta' Taqsima I tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**30.** Minflok Taqsima I a, Taqsima I b u Taqsima I ċ tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu dawn it-Taqsima I a, Taqsima I b u Taqsima I ċ hawn iktar 'l isfel li ġejjin:

# TAQSIMA 1 a

## Kwalifiki bazici fil-medicina

| Pajjiz | Titolu tal-kwalifika | Korp li jassenja | Certificate accompanying qualification |
|---|---|---|---|
| Belgique/België/ Belgien | –Diploma van arts | 1. De universiteiten/ les universités | |
| | –Diplôme de docteur en médecine | 2. De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschap/le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française | |
| Danmark | Bevis for bestået lægevidenskabelig embedseksamen | Medicinsk universitetsfakultet | 1. Autorisation som læge, udstedt af Sundhedsstyrelsen og<br>2. Tilladelse til selvstændigt virke som læge (dokumentation for gennemført praktisk uddansselse), udstedt af Sundhedsstyrelsen |
| Belgique/België/<br>Belgien | 1.Diploma gegradueerde verpleger/verpleegster<br>–Diplôme d'infirmier(ère) gradué(e)<br>–Diplom eines (einer) graduierten Kranken-pflegers (-pflegerin)<br>2. Diploma in de ziekenhuisverpleegkunde<br>–Brevet d'infirmier(ère) hospitalier(ère)<br>–Brevet eines (einer) Kranken-pflegers (-pflegerin<br>3. Brevet van verpleeggassistent(e)<br>–Brevet d' hospitalier (ère)<br>–Brevet einer Pflegeassistentin | 1. De erkende opleidings-instituten/les établissements d'enseignement reconnus/die anerkannten Ausbildungsanstalten<br>2. De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschape/le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française/die zuständigen "Prüfungsausschüsse der Deutschsprachigen Gemeinschaft" | |
| Danmark | Eksamensbevis efter gennemført sygeplejerskeuddannelse | Sygeplejeskole godkendt af Undervisningsministeriet | |
| Deutschland | Zeugnis über die staatliche Prüfung in der Krankenpflege | Staatlicher Prüfungsausschuss | |
| Ελλάς | Το δίπλω μα Αδελφής Νοσοκό μας της Ανωτέρας Σχολής Αδελφών Νοσοκό μων '<br><br>Το πτυχίο Νοσοκό μον του Τ μή ματος Αδελφών Νοσο-κό μων των Παραϊατρικών Σχολών των Κέντρων Ανωτέρας Τεχνικής και Επαγγελ ματικής Εκπαίδευσης '<br><br>Το πτυχίο νοσηλευτή νοσηλεύτριας των Τεχνολογικών Εκπαιδευτικών Ιδρυ μάτων (ΤΕΙ)'<br><br>Το πτυχίο της Ανωτάτης Νοσηλευτικής της Σχολής Επαγγελ μάτων Υγείας,Τ μή μα Νοσηλευτικής του Πανεπ-τιστη μίου Αθηνών ' | Ministry of Social Services or by the Ministry of Health and Social Welfare,<br><br>Ministry of Education and Religious Affairs,<br><br>Ministry of Education and Religious Affairs,<br><br>faculty of health sciences,nursing section,University of Athens | |
| España | Título de Diplomado universitario en Enfermería | Ministerio de Educación y Cultura/El rector de una Universidad | |
| France | 1. Diplôme d'Etat d'infirmier(ère)<br>2. Diplôme d'Etat d'infirmier(ère) délivré en vertu du décret n° 99-1147 du 29 décembre 1999 | Le ministère de la santé | |
| Ireland | Certificate of Registered General Nurse | An Bord Altranais (The Nursing Board) | |
| Italia | Diploma di infermiere professionale | Scuole riconosciute dallo Stato | |
| Luxembourg | 1. Diplôme d'Etat d'infirmier<br>2. Diplôme d'Etat d'infir-mier(ère) hospitalier gradué | Ministère de l'Education nationale, de la Formation professionnelle et des Sports | |
| Nederland | 1. diploma's verpleger A, ver-pleegster A, verpleegkundige A | 1. Door een van overheidswege benoemde examencommissie | |
| | 2. diploma verpleegkundige MBO (Middelbare Beroepso-pleiding Verpleegkundige) | 2. Door een van overheidswege benoemde examencommissie | |
| | 3. diploma verpleegkundige HBOV (Hogere Beroepso-pleiding Verpleegkundige) | 3. Door een van overheidswege benoemde examencommissie | |
| | 4. diploma beroepsonderwijs verpleegkundige–Kwalificatieniveau 4 | 4. Door een van overheidswege aangewezen opleidingsinstelling | |
| | 5. diploma hogere beroepso-pleiding verpleegkundige –Kwalificatieniveau 5 | 5. Door een van overheidswege aangewezen opleidingsinstelling | |
| Österreich | 1. Diplom als "Diplomierte Gesundheits- und Krankenschwester/Diplomierter Gesundheits- und Krankenpfleger"<br>2. Diplom als "Diplomierte Krankenschwester/Diplomierter Krankenpfleger" | 1. Schule für allgemeine Gesundheits- uns Krankenpflege<br>2. Allgemeine Krankenpflegeschule | |
| Portugal | 1. Diploma do curso de enfermagem geral | 1. Escolas de Enfermagem | |
| | 2. Diploma/carta de curso de bacharelato em enfermagem | 2. Escolas Superiores de Enfermagem | |
| | 3. Carta de curso de licenciatura em enfermagem | 3. Escolas Superiores de Enfermagem; Escolas Superiores de de Saúde | |
| Suomi/Finland | 1. Sairaanhoitajan tutkinto/ sjukskötarexamen | 1. Terveydenhuolto-oppilaitokset/hälsovårdsläroanstalter | |
| | 2. Sosiaali- ja terveysalan ammattikorkeakoulututkinto, sairaanhoitaja (AMK)/ yrkeshögskoleexamen inom hälsovård och det sociala området, sjukskötare (YH) | 2. Ammattikorkeakoulut/yrkes-högskolor | |
| Sverige | Sjuksköterskeexamen | Universitetet eller högskola | |
| United Kingdom | Statement of Registration as a Registered General Nurse in part 1 or part 12 of the register kept by the United Kingdom Central Council for Nursing, Midwifery and Health Visiting | | |
| Česká republika | 1. Diplom o ukončení studia ve studijním programu ošetřovatelství ve studijním oboru všeobecná sestra (bakalář, Bc.)<br>2. Diplom o ukončení studia ve studijním oboru diplomovaná všeobecná sestra (diplomovaný specialista, DiS.) | 1. Vysoká škola zřízená nebo uznaná státem<br>2. Vyšší odborná škola zřízená nebo uznaná státem | 1. Vysvědčení o státní závěrečné zkoušce<br>2. Vysvědčení o absolutoriu |
| Eesti | Diplom õe erialal | 1. Tallinna Meditsiinikool<br>2. Tartu Meditsiinikool<br>3. Kohtla-Järve Meditsiinikool | |
| Κύπρος | Δίπλωμα Γενικής Νοσηλευτικής | Νοσηλευτική Σχολή | |
| Latvija | 1. diploms par māsas kvalifikācijas iegūšanu<br>2.māsas diploms | 1.Māsu skolas<br>2.Universitātes tipa augstskola pamatojoties uz Valsts eksāmenu komisijas lēmumu | |
| Magyarország | 1. Ápoló bizonyítvány | 1. Iskola | |

| Pajjiz | Titolu tal-kwalifika | Korp li jassenja | Certifikat anness mal-kwalifika |
|---|---|---|---|
| | 2. Diplomás ápoló oklevél<br>3. Egyetemi okleveles ápoló oklevél | 2. Egyetem / főiskola<br>3. Egyetem | |
| Malta | Lawrja jew diploma fl-istudji tal-infermerija | Universita`ta' Malta | |
| Polska | Dyplom ukończenia studiów wyższych na kierunku pielęgniarstwo z tytułem"magister pielęgniarstwa | 1. Uniwersytet medyczny<br>2. Collegium Medicum Uniwersytetu Jagiellońskiego | |
| Slovenija | Diploma, s katero se podeljuje strokovni naslov "diplomirana medicinska sestra / diplomirani zdravstvenik | 1. Univerza<br>2. Visoka strokovna šola | |
| Slovensko | 1. Vysokoškolský diplom o udelení akademického titulu "magister z ošetrovateľstva" ("Mgr.")<br>2. Vysokoškolský diplom o udelení akademického titulu "bakalár z ošetrovateľstva" ("Bc.")<br>3. Absolventský diplom v študijnom odbore diplomovaná všeobecná sestra | 1. Vysoká škola<br>2. Vysoká škola<br>3. Stredná zdravotnícka škola | |
| Ísland | 1.B.Sc. í hjúkrunarfræði<br>2. B.Sc. í hjúkrunarfræði<br>3. Hjúkrunarpróf | 1.Háskóli Íslands<br>2. Háskólinn á Akureyri<br>3. Hjúkrunarskóli Íslands | |
| Liechtenstein | The diplomas, certificates and other titles awarded in another State to which this Directive applies and listed in the present Annex | | |
| Norge | Vitnemål for bestått sykepleierutdanning | Høgskole | |
| Switzerland: | infirmière diplômée en soins généraux, infirmier diplômé en soins généraux, diplomierte Krank-<br>enschwester in allgemeiner Krankenpflege, diplomierter Krankenpfleger in allgemeine Krankenpflege,<br>infermiera diplomata in cure generali, infermiere diplomato in cure generali, | Conférence des directeurs cantonaux des affaires sanitaires. | |

**31.** It-Taqsima II tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:– Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) il-partita "Assoċjazzjoni tal-Psikjatri Maltin" għandha titħassar;

(b) dawn il-partiti ġodda li ġejjin "Assoċjazzjoni ta' l-Oftalmoloġi ta' Malta" u "Assoċjazzjoni ta' Kirurġi Ortopediċi u ta' Trawma ta' Malta" għandhom jiġu inklużi taħt Tobba wara l-partiti "Assoċjazzjoni ta' l-Anestesjoloġisti ta' Malta" u l-partita "Assoċjazzjoni tal-Kirurġi ta' Malta" rispettivament; u

(ċ) din il-partita ġdida li ġejja "Assoċjazzjoni ta' Dentisti wara l-Gradwazzjoni ta' Malta" għandha tiġi inkluża taħt Kirurġi Dentali wara l-partita "Assoċjazzjoni Dentali ta' Malta".

**32.** Il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) fit-test Malti tagħha minflok il-partiti 26, 42 u 43 għandu jidħol rispettivament dan li ġej:

"26:Mikrobijoloġija/Batterjoloġija
42:Saħħa Pubblika
43:Onkoloġija u Radioterapija"; u

(b) fit-test Ingliż tagħha minflok il-partiti 25 u 43, għandu jidħol rispettivament dan li ġej:

"25:Oral and maxillo-facial surgery
43:Oncology and radiotherapy".

## Taqsima V

**33.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Edukazzjoni hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l- Att dwar l-Edukazzjoni. Kap. 327.

**34.** Minnufih wara l-kliem "hija ċittadin ta' Malta", fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied il-kliem "jew xort'oħra jkollha dritt taħdem f'Malta". Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

## Taqsima VI

**35.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Estradizzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni. Kap. 276.

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**36.** F'l-artikolu 7(2) ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "persuni għal" għandhom jidħlu l-kliem "persuni għal jew minn,".

Tħassir ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**37.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**38.** Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-artikolu 350, 351, 352, 354, 355" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 355E, 355F, 355I, 355AB, 355AC".

Transitoja.

**39.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 35 sa 38 għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-25 ta' Marzu, 2004.

(2) Minkejja kull Ordni magħmul taħt l-Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49 ta' l-istess Att u kull Ordni magħmul taħt dak l-Att relattiv għal dak l-artikolu 49 għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-25 ta' Marzu, 2004.

## Taqsima VII

Emenda tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

**40.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda ta' l-artikolu 742 tal-Kodiċi.

**41.** Minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 742 tal-Kodiċi, għandu jiżdied dan is-subartikolu (6) li ġej:

"(6) Meta disposizzjoni issir taħt xi liġi oħra jew f'xi Regolament ta' l-Unjoni Ewropea fejn tintgħamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqgħu taħt dik id-disposizzjoni l-oħra u għandhom biss japplikaw għal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-oħra ma tapplikax.".

Żieda ta' l-artikolu 825A ġdid mal-Kodiċi.

**42.** Minnufih qabel l-artikolu 826 tal-Kodiċi għandu jidħol dan l-artikolu 825A ġdid li ġej:-

"Kif japplikaw dan it-Titolu u Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

825A Meta Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea jipprovdu, dwar affarijiet regolati taħt dan it-titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f'dan it-titolu, dawk ir-regolamenti għandhom jipprevalixxu, u d-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqgħux fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti.".

## Taqsima VIII

**43.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Mediċini hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Mediċini. Att III ta' l-2003.

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas saħħa jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

**44.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok it-tifsira "esperiment kliniku" għandu jidħol dan li ġej:

" "esperiment kliniku" tfisser investigazzjoni li ssir fuq bnedmin u li tkun intiża biex tiskopri jew tivverifika, l-effetti kliniċi, farmakoloġiċi u, jew farmakodinamiċi oħra ta' xi prodott mediċinali investigattiv wieħed jew aktar, u, jew biex tidentifika reazzjonijiet kuntrarji għal xi prodott mediċinali investigattiv wieħed jew aktar, u, jew biex jistudja l-assorbiment, id-distribuzzjoni, il-metaboliżmu u l-eskrement ta' xi wieħed jew aktar mill-prodotti investigattivi, bil-għan li tiġi aċċertata s-sigurtà tagħhom u, jew kemm ikollhom effikaċja. Dan jinkludi provi kliniċi li jsiru f'xi sit wieħed jew f'diversi siti, kemm fi Stat Membru wieħed jew f'iżjed minn wieħed;";

(b) minflok it-tifsira "prodott mediċinali omeopatiku" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "prodott mediċinali omeopatiku" tfisser prodott mediċinali preparat minn sustanzi msejħa ħażniet omeopatiċi skond proċedura ta' manifattura omeopatika deskritta mill-farmakopoeia Ewropea jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-farmakopoeia korrentement użata uffiċjalment f'Malta. Prodott mediċinali omeopatiku jista' jkun fih għadd ta' prinċipji;";

(ċ) minflok it-tifsira "prodott mediċinali investigattiv" għandu jidħol dan li ġej:

" "prodott mediċinali investigattiv" tfisser forma farmaċewtika ta' sustanza attiva jew plaċebo li tkun qed tiġi eżaminata jew użata bħala riferenza f'esperiment kliniku, inklużi prodotti li diġà jkollhom awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq imma li jiġu użati jew immuntati (formulati jew ippakkjati) b'mod differenti mill-forma

awtorizzata, jew meta użati għal indikazzjoni mhux awtorizzata, jew meta użati biex tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-forma awtorizzata;"; u

(d) it-tifsira "apparat mediku" għandha titħassar;

(e) minflok it-tifsira "prodott mediċinali" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:-

" "prodott mediċinali" tfisser sustanza jew kombinazzjoni ta' sustanzi-

(a) ppreżentati bħala li għandhom proprjetajiet għall-kura jew prevenzjoni ta' marda fil-bniedem;

(b) li jistgħu jiġu wżati jew amministrati fil-bniedem jew sabiex issir ir-restawrazzjoni, korrezzjoni jew modifikazzjoni ta' funzjoni fiżjoloġika billi tiġi eżerċitata azzjoni farmakoloġika, immunoloġika jew metabolika jew sabiex issir dijanjosi medika;".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali u thassir ta' l-Ewwel Skeda.

**45.** (1) Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "fl-oqsma elenkati fl-Ewwel Skeda" għandhom jitħassru.

(2) L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**46.** L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tiegħu; u

(ii) minnufih wara paragrafu (a) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"(b) F'każijiet ta' dubju, meta, fil-qjies ta' kull karatteristika li jkollu, prodott jista' jaqa' fit-tifsira ta' "prodott mediċinali" jew fit-tifsira ta' prodott li jaqa' taħt Direttiva jew Regolament ta' l-Unjoni Ewropea relattiva għal prodotti mediċinali, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att relattivi għal prodotti mediċinali.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem “L-artikolu 20 sa 36” għandhom jidħlu l-kliem “It-Titoli I, II u III ta’ dan l-Att”;

(ii) minflok il-kelma “uffiċjali” fil-paragrafu (b) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem “li jinbiegħ fi spiżerija”;

(iii) minnufih wara paragrafu (e) tiegħu għandu jidħol dan il-prodott li ġej:

“(f) *wholeblood*, plasma jew ċelluli tad-demm ġejjin mill-bniedem, minbarra plasma preparata b’xi metodu li jinvolvi proċess industrijali.”.

**47.** L-artikolu 32 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta’ l-artikolu 32 ta’ l-Att prinċipali.

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) minflok il-kliem minn “Id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima” sal-kliem “prodotti mediċinali omeopatiċi li:” fis-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin “Prodotti mediċinali omeopatiċi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li hemm fil-paragrafi (a) sa (ċ) ta’ dan is-subartikolu għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri simplifikati speċjali skond ma hemm provdut fis-subartikolu (2) sa (4) ta’ dan l-artikolu. Il-prodotti li dan is-subartikolu japplika għalihom huma prodotti li:”;

(ċ) minnufih wara subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

“(2) Il-kriterji u regoli applikabbli għall-għoti ta’ awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq għandhom ukoll japplikaw għall-proċedura simplifikata speċjali bl-eċċezzjoni tal-prova dwar l-effikaċja terapewtika.

(3) Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ prodott mediċinali omeopatiku għandu jkun fiha dawk id-dokumenti u dik l-informazzjoni li tista’ tkun preskritta b’regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u dik l-applikazzjoni tista’ tkopri serje ta’ prodotti mediċinali miksubin mill-istess ħażna jew ħażniet omeopatiċi.

(4) Prodotti mediċinali omeopatiċi li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet preskritti fis-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu jkunu awtorizzati u ttikkettjati skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att applikabbli għal prodotti mediċinali, u għandhom ukoll ikunu bla ħsara għall-ħtiġiet ta’ farmakoviġilanza kif stabbilita minn regolamenti taħt dan l-Att.

(5) Il-Ministru jista' b'regolamenti taħt dan l-Att jagħmel regoli dwar eżamijiet tossikoloġiċi u farmakoloġiċi u esperimenti kliniċi ta' prodotti mediċinali omeopatiċi.".

Emenda ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali.

**48.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali għandha titħassar u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-istess l-artikolu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala d-disposizzjoni sħiħa.

Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

**49.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Il-persuna kwalifikata għandha tkun preżenti fil-fond f'kull waqt meta tkun qiegħda ssir attività", għandhom jidħlu l-kliem "Il-persuna kwalifikata għandha tkun b'mod permanenti u kontinwu għad-disposizzjoni tad-detentur ta' liċenza ta' manifattur".

Emenda ta' l-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali.

**50.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Il-persuna kwalifikata jew responsabbli għandha tkun preżenti fil-fond f'kull waqt meta tkun qiegħda ssir l-attività liċenzjata:" għandhom jidħlu l-kliem "Il-persuna kwalifikata jew responsabbli għandha tkun b'mod permanenti u kontinwu għad-disposizzjoni tad-detentur ta' liċenza ta' negozjant bl-ingrossa:".

## Taqsima IX

Emenda ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, Kap. 465.

**51.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

**52.** Minflok subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(i) l-elenkar u tqegħid f'kategoriji kondizzjonijiet ta' mard li għandu jiġi avżat;".

## Taqsima X

Emenda ta' Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, Kap 433.

**53.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha titqies li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**54.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att il-frażijiet "importazzjoni" u "esportazzjoni" ma jinkludux id-dħul ta' xi ħaġa ġewwa Malta jew il-ħruġ ta' xi ħaġa minn Malta, minn jew lejn rispettivament, stat membru ta' l-Unjoni Ewropea, jew skond dawk il-limiti li jistgħu jkunu ordnati minn jew lejn dak l-istat li l-Ministru jista' jordna, li jkun stat li jagħmel parti miż-Żona Ekonomika Ewropea jew State li jkollu arranġamenti simili ma' l-Unjoni Ewropea.".

**Taqsima XI**

**55.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, hawn iżjed 'il quddiem msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, Kap. 191.

**56.** Fl-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "difensuri u avukati tagħhom," għandhom jidħlu l-kliem "jew lix-xhieda, esperti jew persuni oħra, jkunu min ikunu, li jkunu qegħdin jiffunzjonaw quddiem dik il-Qorti jew dik l-istituzzjoni,". Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**Taqsima XII**

**57.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' 1-Att ta' 1-2002 dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proċeduri Legali, hawnhekk iżjed 'i1 quddiem imsejjaħ "1-Att prinċipali". Emenda ta' 1-Att ta' 1-2002 dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proċeduri Legali. Att IV ta' 1-2002.

(2) Din it-Taqsima għandha sseħħ minnufih.

**58.** Fis-subartikolu (1) ta' 1-artikolu 5 ta' 1-Att prinċipali, minflok il-kliem "għar-riservi li hemm fit-Tieni Skeda", għandhom jidħlu l-kliem "għar-riservi li hemm fit-Taqsima A tat-Tieni Skeda". Emenda ta' l-artikolu 5 ta' 1-Att prinċipali.

**59.** Fl-artikolu 8 ta' 1-Att prinċipali, minflok il-kliem "riprodotta fit-Tieni Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "riprodotta fit-Taqsima A tat-Tieni Skeda". Emenda ta' l-artikolu 8 ta' 1-Att prinċipali.

**60.** Fl-artikolu 21 ta' 1-Att prinċipali, minflok il-kliem "li t-test tagħha jinsab riprodott fit-Tieni Skeda", għandhom jidħlu l-kliem "li t-test tagħha jinsab riprodott fit-Taqsima B tat-Tieni Skeda". Emenda ta' l-artikolu 21 ta' 1-Att prinċipali.

Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab ma' 1-Att prinċipali.

**61.** Minflok it-Tieni Skeda li tinsab ma' 1-Att prinċipali għandha tidħol din l-Iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TIENI SKEDA

Dikjarazzjonijiet u Opposizzjonijiet

(Artikoli 5, 8, 21 u 42)

TAQSIMA A - Il-Konvenzjoni ta' L-Aja ta' l-1965

1. Il-Gvern ta' Malta jiddikjara, skond ma hemm fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Estraġudizzjarji f'Affarijiet Ċivili jew Kummerċjali (L-Aja, 1965) li jinsab oppost għan-notifika ta' dokumenti fit-territorju ta' Malta li jsir direttament mill-aġenti diplomatiċi jew konsulari ta' Stati Kontraenti oħra, skond 1-ewwel paragrafu ta' 1-imsemmi Artikolu 8, ħlief meta din issir lil ċittadin ta' Stat Kontraenti li jkun qed jagħmel dik in-notifika.

2. Il-Gvern ta' Malta jiddikjara, skond ma hemm fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Estraġudizzjarji f'Affarijiet ~ivili jew Kummerċjali (L-Aja, 1965), li jinsab oppost għall-użu minn Stati Kontraenti oħra ta' xi wieħed mill-metodi ta' trasmissjoni u notifika ta' dokumenti msemmija fl-imsemmi Artikolu 10 fit-territorju tiegħu.

TAQSIMA B - Il-Konvenzjoni ta' L-Aja, 1970

1. Il-Gvern ta' Malta jiddikjara, skond ma hemm fit-tieni paragrafu ta' 1-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni dwar il-Ġbir ta' Xiehda Barra mill-Pajjiż f'Affarijiet Ċivili u Kummerċjali (L-Aja, 1970), li jirriserva d-driitt li jaċċetta Ittri Rogatorji magħmulin bl-ilsien Ingliż biss.".

## Taqsima XIII

Emenda ta' l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji. Att IX ta' l-1980.

**62.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Żieda ta' l-artikolu 114 ġdid ma' l-Att prinċipali.

**63.** Minnufih wara l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu11A ġdid li ġej:

"Pubblikazzjoni ta' liġijiet fuq l-Internet.

11A. (1) Il-Ministru jista' jġiegħel li ssir il-pubblikazzjoni fuq sit ta' l-Internet ta' verżjoni konsolidata ta' kull edizzjoni riveduta li tkun tinkorpora kull emenda li tista' tkun saret għal xi liġi f'edizzjoni riveduta u inkluż f'dak is-sit ta' l-Internet l-Atti kollha magħmula wara l-pubblikazzjoni ta' l-aħħar edizzjoni riveduta li tkun tinkorpora kull emenda relattiva. Dawk l-Atti li jsiru liġi wara l-pubblikazzjoni ta' edizzjoni riveduta jingħataw numru tal-kapitolu bħallikieku dawn kienu inkorporati f'edizzjoni riveduta u jistgħu jissejħu skond dak in-numru tal-kapitolu.

(2) Il-Ministru jista' wkoll iġiegħel li ssir il-pubblikazzjoni fuq dak is-sit ta' l-Internet ta' verżjoni konsolidata aġġornata ta' leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħt il-liġijiet inklużi f'edizzjoni riveduta u taħt Atti magħmulin sussegwentement, u jista' f'dik il-pubblikazzjoni jġiegħel li dik il-leġislazzjoni sussidjarja tingħata dik l-enumerazzjoni b'riferenza għan-numru tal-kapitolu tal-liġi prinċipali jew xort'oħra skond ma l-Ministru jista' jqis li jkun adatt u riferenza għal dik il-leġislazzjoni sussidjarja b'dik l-enumerazzjoni għandha tkun valida bħallikieku saret riferenza għall-istess leġislazzjoni sussidjarja kif tkun qabel ġiet promulgata bħala Avviż tal-Gvern jew Avviż Legali jew xort'oħra.

(3) Il-Ministru għandu jġiegħel li ssir il-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta li fih jingħata l-indirizz tal-*website* fejn ikunu jidhru pubblikati dawk il-liġijiet fuq l-Internet.

(4) Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, it-test ta' kull liġi pubblikata fuq sit ta' l-Internet skond dan l-artikolu għandu jitqies li jkun riproduzzjoni vera tal-liġi li tkun tinkorpora kull emenda sad-data indikata fuq is-sit ta' l-Internet.".

## TAQSIMA XIV

**64.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, u għanda tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Kap. 169.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew iseħħu minnufih.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**65.** Fil-proviso ma' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "għaċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, skond il-każ." għandhom jidħlu l-kliem "għaċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, skond il-każ:" u minnufih wara dak il-proviso għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll b'seħħ minn dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, il-jeddijiet u r-responsabbiltajiet eżerċitati mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta jew miċ-*Chairman* taħt dan l-Att jew xi liġi oħra speċifikata fil-proviso ta' qabel dan ta' dan l-Att, inkluż kull jedd li għandu x'jaqsam ma' litigazzjoni li toriġina minnhom, għandhom, dwar dik l-art skond ma jkun ġie u jkun se jiġi minn zmien għal zmien speċifikat f'Ordni magħmul mill-President u pubblikat skond dak l-istess proviso, ivestu f'kull awtorità jew persuna oħra li jissemmew f'regolamenti li jsiru għal dan l-għan bis-saħħa ta' dan il-proviso mill-Ministru msemmi sabiex ikunu l-awtorità kompetenti minflok il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, jew fiċ-*Chairman* ta' dik l-awtorità kompetenti skond ma jista' jkun il-każ.".

## TAQSIMA XV

Emenda ta' l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet. Kap. 228.

**66.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet, u għanda tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-artijiet jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**67.** Minnufih wara l-kliem "b'*encroachment*" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-kliem "jew, f'każ ta' art li minn żmien għal żmien tkun ġiet speċifikata skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, meta jkun skada l-perjodu ta' żmien speċifikat f'kuntratt li jkun jagħti titolu," u minflok il-kliem "bl-anqas dewmien possibbli." għandhom jidhlu l-kliem "bl-anqas dewmien possibbli:" u minnufih fi tmiem dak is-subartikolu għandhom jiżdiedu dawn il-provisos ġodda li ġejjin:-

Kap. 16. "Iżda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili ma jkunux japplikaw għal ordnijiet ta' żgumbrament maħruġin skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu:

Iżda wkoll ordni ta' żgumbrament li jkun ġie hekk maħruġ ma għandux jikkostitwixxi eżerċizzju arbitrarju ta'

Kap. 9. drittijiet pretiżi skond l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.".

## Taqsima XVI

**68.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali". Emenda tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

**69.** Fit-tifsira "reat rilevanti" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 23A tal-liġi prinċipali: Emenda ta' l-artikolu 23A tal-liġi prinċipali.

(a) minflok il-kliem "tfisser kull delitt" għandhom jidħlu l-kliem "tfisser kull reat"; u

(b) minnufih wara l-kliem "ta' priġunerija" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' detenzjoni".

**70.** L-artikolu 115 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 115 tal-liġi prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a), minflok il-kliem "tliet xhur sa tlettax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur sa tliet snin";

(b) fil-paragrafu (b), minflok il-kliem "erba' xhur sa tmintax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "disa' xhur sa ħames snin"; u

(ċ) fil-paragrafu (ċ), minflok il-kliem "sitt xhur sa tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "sena sa tmien snin".

**71.** L-artikolu 116 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 116 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "sena sa erba' snin" għandhom jidħlu l-kliem "tmintax-il xahar sa għaxar snin"; u

(b) fis-subartikolu (2), minflok il-kliem "erba' snin" għandhom jidħlu l-kliem "għaxar snin".

**72.** L-artikolu 117 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 117 tal-liġi prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a), minflok il-kliem "tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "ħames snin"; u

(b) fil-paragrafu (b), minflok il-kliem "minn disa' xhur sa sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "minn disa' xhur sa tliet snin".

Emenda ta' l-artikolu 118 tal-liġi prinċipali.

**73.** Minflok il-kliem "sitt xhur sa tliet snin" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 118 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "sena sa tmien snin".

Emenda ta' l-artikolu 120 tal-liġi prinċipali.

**74.** L-artikolu 120 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "tal-Kamra tad-Deputati," għandhom jidħlu l-kliem "tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skond kull disposizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra,"; u

(b) fis-subartikolu (2):

(i) minnufih wara l-kliem "l-uffiċjal jew impjegat pubbliku" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "jew persuna oħra";

(ii) minflok il-kliem "tliet xhur sa tmintax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur sa tliet snin"; u

(ċ) fis-subartikolu (3), minflok il-kliem "tliet xhur sa sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur sa erba' snin".

Emenda ta' l-artikolu 121 tal-liġi prinċipali.

**75.** Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 121 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "s-sede prinċipali tiegħu f'Malta." għandhom jidħlu l-kliem "s-sede prinċipali tiegħu f'Malta:" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda:

(i) meta l-persuna involuta tkun persuna msemmija fil-paragrafi (a), (b), (d) jew (e) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 115, 116, 117 u 120; u

(ii) meta l-persuna involuta tkun persuna msemmija fil-paragrafu (ċ) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 118 u 120.".

Emenda ta' l-artikolu 435D tal-liġi prinċipali.

**76.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 435D tal-liġi prinċipali, fit-tifsira "reat rilevanti":

(a) minflok il-kliem "jikkostitwixxu delitt" għandhom jidħlu l-kliem "jikkostitwixxu reat"; u

(b) minnufih wara l-kliem "ta' priġunerija" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' detenzjoni".

**77.** Minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 435E tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 435E tal-liġi prinċipali.

"(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull uffiċjal minn xi pajjiż ieħor li jkun qiegħed jieħu sehem f'xi operazzjoni f'Malta tax-xorta msemmija fis-subartikolu (3) ukoll jekk ebda wieħed mill-uffiċjali li jkunu qegħdin jieħdu sehem fl-operazzjoni ma jkun qiegħed jopera taħt identità moħbija jew falza.".

## Taqsima XVII

**78.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att kontra *Money Laundering*, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att kontra *Money Laundering*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-Att kontra *Money Laundering*, Kap. 373.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

**79.** Fil-paragrafu (b) tat-tifsira "attività kriminali" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2, minflok il-kliem "wieħed mid-delitti" għandhom jidħlu l-kliem "wieħed mir-reati".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**80.** Minnufih wara s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

"(6A) Meta jkun intgħamel jew ikun intalab ordni ta' sekwestru, kull min, għax ikun jaf jew ikollu suspett li l-ordni ta' sekwestru jkun hekk intgħamel jew intalab, jiżvela xi ħaġa li x'xaktarx tippreġudika l-effetti ta' dak l-ordni jew ta' xi investigazzjoni li jkollha x'taqsam magħha, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda fi proċedimenti dwar reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat jista' jġib provi favur tiegħu li ma kienx jaf jew kellu xi suspett li dak il-kxif x'aktarx li kien jippreġudika l-investigazzjoni jew l-effetti ta' dak l-ordni ta' sekwestru.".

## Taqsima XVIII

Emenda ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti. Att IX ta' l-2003 u Kap. 246.

**81.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, kif emendat bl-Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**82.** Fil-paragrafu (a) tat-tifsira "persuna residenti ta' Malta" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "ħames snin" għandhom jidħlu l-kliem "f'kull żmien".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**83.** Minflok il-kliem "immovable porperty" fit-test Ingliż tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "immovable property".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

**84.** L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1):

(i) minflok il-kelma "cause" fit-test Ingliż tal-paragrafu (a) għandha tidħol il-kelma "causa";

(ii) minflok il-kliem "meta dik il-persuna tkun qabel akkwistat sehem f'dik il-proprjetà immobbli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att" fil-paragrafu (ċ), għandhom jidħlu l-kliem "meta dik il-persuna tkun qabel akkwistat b'mod leġittimu sehem f'dik il-proprjetà immobbli"; u

(iii) fit-test Ingliż tal-paragrafu (g) minflok il-kliem "absecne of descendents" u "descendenst" għandhom jidħlu l-kliem "absence of descendants" u "descendants" rispettivament;

(b) fis-subartikolu (2):

(i) minflok il-kliem "the property" fit-test Ingliż għandhom jidħlu l-kliem "the immovable property"; u

(ii) minflok il-kliem "jinkludi dik id-dikjarazzjoni f'dak il-kuntratt" għandhom jidħlu l-kliem "jinnota fil-kuntratt li huwa jkun hekk wissa lil dik il-persuna".

**85.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kelma "virute" fit-test Ingliż tas-subartikolu (1) għandha tidħol il-kelma "virtue";

(b) minflok il-kliem "dik il-proprjetà u" fis-subartikolu (2) għandhom jidħlu l-kliem "dik il-proprjetà immobbli u";

(ċ) minflok il-kelma "important" fit-test Ingliż tas-subartikolu (3) thereof, għandha tidħol il-kelma "importance";

(d) minflok il-kelma "prmit" fit-test Ingliż tas-subartikolu (4), għandha tidħol il-kelma "permit"; u

(e) minflok il-kliem "nothin in the said subartiċle shall be construed as validating anything does not in conformity with any condition, restriction, limitation ro qualification" fit-test Ingliż tas-subartikolu (5), għandhom jidħlu l-kliem "nothing in the said subarticle shall be construed as validating anything done not in conformity with any condition, restriction, limitation or qualification".

**86.** Minflok il-paragrafu 7 fis-sezzjoni A fit-Taqsima I ta' l-Anness B mat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu 7 ġdid li ġej:

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

"7. Indirizz postali jekk inhu differenti minn dak ta' hawn qabel:

.........................................................................

.........................................................................

Żewġ ritratti tat-tip li jintużaw fuq passaport ta' l-applikant u fotokopja tal-passaport ta' l-applikant fejn jintwerew id-dettalji personali għandhom jiġu mehmuża flimkien ma' din l-applikazzjoni.".

## Taqsima XIX

Emenda ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta. Kap. 204.

**87.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż jistabbilixxi fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**88.** Minnufih wara t-tifsira "Ministru" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 460.

" "it-Trattat" għandha l-istess tifsira lilha mogħtija bl-Att dwar l-Unjoni Ewropea.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**89.** L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) minflok il-kliem "fl-artikoli 26 sa 33" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikoli 26, 33 u 38E"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (5), għandu jiżdied dan is-subartikolu (6) ġdid li ġej:

"(6) Id-drittijiet tal-Bank ta' xi titolu kollaterali li jiġi provdut lilu minn xi debitur jew kontroparti oħra ma għandhomx jiġu milquta bil-proċedimenti ta' insolvenza kontra dak id-debitur jew kontroparti, u dak it-titolu kollaterali jista' jiġi realizzat mill-Bank biex jissodisfa d-drittijiet tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali.

**90.** Fit-tifsira "sistema ta' pagament" fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "*settlement, netting* u" għandhom jidħlu l-kliem "*settlement, settlement* ta' titoli, *netting* u".

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**91.** L-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) minnufih wara l-kliem "depożitu ta' riżerva mal-Bank" għandhom jidħlu l-kliem", u biex jirrappurtaw dwaru,"; u

(b) fis-subartikolu (3) l-kliem "u fil-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni" għandhom jitħassru.

**92.** Minnufih wara l-artikolu 38C ta' l-Att prinċipali għandha tidħol din it-Taqsima VIA ġdida li ġejja:

Żieda ta' Taqsima VIA ġdida ma' l-Att prinċipali.

## "TAQSIMA VIA

## RELAZZJONIJIET MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U OĦRAJN

38D. Il-Bank ikun jagħmel parti integrali mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali kif imwaqqfa taħt it-Trattat u, mingħajr preġudizzju għall-iskop primarju tiegħu skond l-artikolu 4 (1), għandu jipparteċipa f'illi jwettaq kull ħidma u jikkonforma ruħu ma' l-objettivi lilu mogħtija bil-Protokoll fuq l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew li hemm annessi mat-Trattat, u għandu jassumi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha konsegwenzjali għal dak l-istatus.

Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

38E. Il-Bank jista' jiftaħ kontijiet u jipprovdi servizzi bankarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali u oħrajn barra minn Malta, inklużi l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom f'Malta, skond ma jista' jkun meħtieġ biex jiġu mwettqa l-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta.

Servizzi bankarji.

38F. Il-Bank jista', abbażi ta' xi ftehim internazzjonali jew meta jsir xi ftehim ta' reċiproċità, jew xort'oħra sabiex biex jiġu mwettqa l-obbligazzjonijiet internazzjonali tiegħu, jgħaddi informazzjoni li jkollu lil korpi, awtoritajiet u, jew organizzazzjonijiet internazzjonali u oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex iwettaq dmirijietu taħt il-liġi jew biex jiġu mwettqa l-obbligazzjonijiet internazzjonali tiegħu:

Kxif ta' informazzjoni.

Iżda l-korpi, awtoritajiet u, jew istituzzjonijiet li jirċievu l-informazzjoni huma marbuta li jużaw dik l-informazzjoni unikament għal dawk il-finijiet skond ma jista' jkun speċifikament miftiehem mal-Bank:

Iżda wkoll dawk il-korpi, awtoritajiet u, jew istituzzjonijiet li lilhom tingħadda dik l-informazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal kull obbligazzjoni li ġġib magħha s-segretezza professjonali.".

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

**93.** Fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew li jkun falz" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

**94.** L-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) l-kliem minn "għal dawk l-ammonti" sal-kliem "tal-Bank" għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (8), il-kliem "jew li tkun falsifikata" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

**95.** Fl-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tas-sitt artikoli li jaħbtu minnufih wara dan" għandhom jidħlu l-kliem "ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att,".

Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

**96.** L-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) ta' l-artikolu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(2) Kull min jagħmel użu minn xi faċilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura xi biljett tal-flus bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jintużaw dawk il-faċilitajiet jew dak il-materjal jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn sentejn u mhux iżjed minn għaxar snin.".

Emenda ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali.

**97.** Fil-paragrafu (e) fl-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "jew disinji tali," għandhom jidħlu l-kliem "disinji, ologrammi jew komponenti oħra".

Emenda ta' l-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali.

**98.** Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu dan li ġej:

"(3) Kull min jagħmel użu minn xi faċilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura muniti bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jintużaw dawk il-faċilitajiet jew dak il-materjal jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.".

**99.** Minflok l-artikolu 49A ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 49A ta' l-Att prinċipali.

"Obbligu li jiġu konsenjati biljetti tal-flus u muniti foloz lill-Bank.

49A. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, min ikollu għandu biljetti tal-flus jew muniti foloz ikun obbligat li jirtira miċ-ċirkolazzjoni dawk il-biljetti tal-flus jew muniti li huwa jkun jaf jew ikollu tassew għax jaħseb li dawn ikunu foloz, u għandu minnufih jikkonsenjahom lill-Bank.

(2) Kull biljett tal-flus jew munita li l-Bank, wara li jiflihom, ikun sab li huma foloz jistgħu jiġu meqruda jew isir xort'oħra minnhom b'dak il-mod u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeċiedi dwarhom.

(3) Jekk, filwaqt ta' proċedimenti kriminali, il-qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus jew muniti foloz, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank u għandha, jekk u skond ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus jew muniti lill-Bank biex jinflew minnu.".

**100.** Minflok in-nota marġinali li hemm ma' l-artikolu 49B ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 49B ta' l-Att prinċipali.

"Riproduzzjoni ta' biljetti tal-flus u muniti.".

**101.** Minnufih wara l-artikolu 49B ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu dawn l-artikoli 49C, 49D u 49E li ġejjin:

Żieda ta' l-artikoli 49C sa 49E ma' l-Att prinċipali.

"Ġurisdizzjoni fuq ħatjin barra minn Malta.

49C. Min f'Malta ikun għamel xi reat minn dawk stipulati fl-artikoli 45 sa 49 barra minn Malta dwar il-lira Maltija u, jew l-ewro, jista' jiġi akkużat u jitmexxa kontrih għal dawk ir-reati quddiem il-qrati f'Malta u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stipulata taħt dawn l-artikoli bħallikieku dawn ir-reati kienu saru f'Malta.

Sejbien ta' ħtija li jkun sar qabel barra minn Malta.

49D. Għandhom il-qrati f'Malta, meta jkunu qegħdin jagħtu piena lil xi ħati għal xi reat minn dawk stipulati fl-artikoli 45 sa 49, inklużi ċ-ċirkostanzi speċifikati taħt l-artikolu 49C, u fil-każ meta r-reati jkunu dwar il-lira Maltija u, jew l-ewro, iqisu kull sejbien ta' ħtija li jkun sar qabel u, jew piena mogħtija minn xi qorti barra minn Malta għal xi reat simili li dak il-ħati jkun għamel.

Ġbir ta' informazzjoni dwar biljetti tal-flus u muniti foloz.

49E. (1) Għandu jkun hemm sezzjoni fil-Bank li tkun responsabbli biex tanalizza biljetti tal-flus u muniti suspetti bħala foloz, u biex tiġbor database nazzjonali dwarhom.

(2) Din is-sezzjoni għandu iktar minn hekk ikollha r-responsabbiltà unika f'Malta li tanalizza biljetti tal-flus u muniti suspetti bħala foloz skond ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 fejn jingħataw miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' l-ewro kontra l-falsifikazzjoni, skond ma jista' jkun sussegwentement emendat, u li jagħmel kull ħidma jew iwettaq kull dmir konsegwenzjali għal dan.".

Emenda ta' l-artikolu 52A ta' l-Att prinċipali.

**102.** L-artikolu 52A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) minflok il-kliem "ħamest elef" għandhom jidħlu l-kliem "għaxart elef";

(b) fis-subartikolu (2) -

(i) minflok il-kliem "għall-infrazzjonijiet li ġejjin:" għandhom jidħlu l-kliem "dwar dan li ġej:";

(ii) minflok il-kliem "l-artikolu 24B; u" fil-paragrafu (a) għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 24B;";

(iii) minflok il-kliem "l-artikolu 36." fil-paragrafu (b) għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 36:";

(iv) minnufih wara paragrafu (b) għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi li ġejjin:

"(ċ) meta istituzzjoni ta' kreditu tikser jew tonqos milli tħares xi ħtieġa ta' rappurtar li tinsab f'xi direttiva maħruġa taħt l-artikolu 37 (1);

(d) meta persuna tikser jew tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49A biex tirtira miċ-ċirkolazzjoni biljetti tal-flus u muniti u tikkonsenjahom lill-Bank;

(e) fuq xi korp magħqud meta r-reati msemmija fl-artikoli 45 sa 49 isiru biex dawn jiksbu benefiċċju minn persuna, li tkun qed taġixxi sew individwalment sew bħala parti minn organu tal-korp magħqud u li

jkollha pożizzjoni għolja fi ħdan il-korp magħqud, abbażi ta' -

(i) poter ta' rappreżentanza tal-korp magħqud, jew

(ii) awtorità li tiddeċiedi f'isem il-korp magħqud, jew

(iii) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna legali,

jew meta dik il-persuna tgħin jew taġixxi b'kompliċità fl-għemil ta' dak ir-reat jew fit-tentattiv ta' għemil ta' kull reat bħal dak; u

(f) fuq kull korp magħqud meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu (e) tkun għamlet possibbli l-għemil ta' reat imsemmi fl-istess paragrafu sabiex jinkiseb benefiċċju minn dak il-korp magħqud minn persuna li tkun taħt l-awtorità tiegħu."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (3) għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Minkejja l-proviso mas-subartikolu (1), il-Ministru jista', b'regolamenti, jipprovdi iktar dwar il-penali amministrattivi li jistgħu jiġu imposti u miġburin mill-Bank mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ fil-qorti dwar istituzzjoni ta' kreditu li tikser jew tonqos milli tħares xi ħtieġa ta' depożitu ta' riserva skond ma jista' jkun hemm f'xi direttiva maħruġa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 37 u f'dak il-każ il-penali amministrattiva tista' tiġi kalkulata fuq bażi perċentwali u tiġi applikata għall-ammont tad-depożitu ta' riserva li l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tipprovdi bi ksur ta' dik id-direttiva.".

## Taqsima XX

**103.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), Kap. 46.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' April, 2004.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**104.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "marka ta' finezza", għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "marka ta' finezza" hija marka li ssir b'numri għarbin imbullata fuq it-taħlita ta' metall prezzjuż ta' oġġett ta' metall prezzjuż li tkun turi l-istandard ta' finezza ta' dik it-taħlita, u t-tip ta' metall prezzjuż li jkun hemm fih;" u

(b) minflok it-tifsira "mqiegħed fis-suq", għandha tidħol din li ġejja:

" "mqiegħed fis-suq" tfisser li b'kull mod ikun disponibbli fis-suq fit-territorju ta' Malta bil-għan li jitqassam u, jew, jintuża f'dak it-territorju jew f'kull territorju ieħor skond ma jista' jkun preskritt;".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

**105.** Minflok il-kliem "Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att ma għandhomx ikunu japplikaw għal -" fl-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (iii), (iv) u (v) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att ma għandhomx ikunu japplikaw għal -".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**106.** Minflok l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej-

"Dokumenti li jimxu ma' oġġetti ta' metall prezzjuż.

7. Ebda oġġett ta' metall prezzjuż ma għandu jitqiegħed fis-suq jekk:-

(i) dak l-oġġett, immarkat skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 u li jkun fih xi parti jew partijiet tal-metall mhux prezzjużi ma jkollux miegħu dawk id-dokumenti li l-Konslu jista' jkun jeħtieġ jew skond ma jista' jiġi preskritt;

(ii) dak l-oġġett, li jkun eżenti mill-marka taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ma jkollux miegħu dokument jew ċertifikat skond ma jista' jkun preskritt;

(iii) dak l-oġġett ma jkollux tikketta li tkun tindika b'mod ċar it-tip ta' taħlita jew taħlitiet ta' metall prezzjuż jew li jkunu jiffurmaw l-oġġett u l-istandard ta' finezza ta' dak l-oġġett ħlief skond ma jista' jkun preskritt.".

**107.** Minflok l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:-

Żieda ta' l-artikolu 19 ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Disposizzjonijiet transitorji.

19. Kull oġġett imbullat jew li jkun eżenti minn dak l-imbullar taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), għandu għal perjodu transitorju ta' sentejn mill-1 ta' April, 2004 jitqies li jkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.".

## TAQSIMA XXI

**108.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, Kap. 233.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż jistabbilixxi fil-Gazzetta.

**109.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "strumenti monetarji" tinkludi ċekkijiet, *drafts* jew *travellers' cheques*, ċertifikati anonimi jew *bearer* ta' xorta finanzjarja jew monetarja li jistgħu jiġu konvertiti fi flus likwidi, irrispettivament minn min ikun ħariġhom, u b'mod partikolari, titoli u strumenti negozjabbli u oħrajn, kemm jekk ikollhom il-lira Maltija bħala denominazzjoni jew xi munita barranija;"; u

(b) fil-paragrafu (b) fit-tifsira "persuna residenti", il-kliem " jew ta' Stat Membru" għandhom jitħassru.

**110.** Minflok l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

"Dikjarazzjoni dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' muniti.

7. Il-Ministru jista' b'regolamenti jeħtieġ persuna tiddikjara lill-Kontrullur tad-Dwana meta dik il-persuna tkun importat jew esportat biljetti tal-flus u muniti li jkollhom il-lira Maltija bħala denominazzjoni tagħhom u, jew f'muniti barranin, u, jew munita barranija, u, jew

strumenti monetarji, u, jew metalli prezzjużi, u, jew ħaġar prezzjuż ġewwa jew minn Malta f'dawk l-ammonti skond ma jista' jkun speċifikat f'regolamenti u li tiżvela kull informazzjoni oħra bħal dik skond ma jista' jiġi preskritt f'regolamenti dwar kull importazzjoni u esportazzjoni bħal dawk.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**111.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Regolamenti taħt dan l-Att li jimponu restrizzjonijiet fuq transazzjonijiet, jew xi obbligu li jsir xi rapport, tiġi pprovduta statistika jew informazzjoni oħra jistgħu wkoll jipprovdu:

(a) li kull min jikser xi disposizzjoni tagħhom ikun ħati ta' reat u jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn għoxrin elf lira Maltija;

(b) dwar il-konfiska ta' kull flejjes, strumenti monetarji jew affarijiet oħra li ma jkunux ġew dikjarati skond regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 7;

(c) dwar pieni amministrattivi minflok proċeduri kriminali, il-proċeduri adottati għaldaqstant kif ukoll il-proċeduri biex isiru appelli minn sentenzi li jkollhom x'jaqsmu ma' dan quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet bħalma hemm stabbiliti taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jew dak il-korp ieħor li jista' jiġi ordnat.".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**112.** Minflok il-kliem "ot to comply" fit-test Ingliż tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "or to comply".

## TAQSIMA XXII

Emenda ta' l-Att ta' l-2003 li jemenda l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Att X ta' l-2003.

**113.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-2003 li jemenda l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-3 ta'Ottubru, 2003 mal-promulgazzjoni ta' l-Att prinċipali, u d-disposizzjonijiet ta' l-Att prinċipali, meta dawn jinġiebu fis-seħħ, għandhom jitqiesu li jkunu hekk inġiebu fis-seħħ kif emendati b'din it-Taqsima.

**114.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 15 minflok il-kliem "fi żmien tletin jum mid-data li tirċievi fattura jew dokument simili għal dik il-provvista" għandhom jidħlu l-kliem "bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, u, jew, f'dak iż-żmien, li l-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi"; u

(b) fis-subartikoli (1) (2) (4) u (5) ta' l-artikolu 19, minflok il-kliem "ħmistax fil-mija" għandhom jidħlu l-kliem "tmintax fil-mija".

**115.** Minflok l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

"Emenda ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

28. L-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) minflok il-kliem "jekk ikunux saru xi provvisti taxxabbli jew xi provvisti eżenti bil-kreditu minn jew lil dik il-persuna jew il-valur ta' kull tali provvista" għandhom jidħlu l-kliem "jekk ikunux saru xi provvisti taxxabbli jew xi provvisti eżenti bil-kreditu minn jew lil dik il-persuna jew jekk ikunux saru xi akkwisti jew importazzjonijiet intra komunitarji minn dik il-persuna jew il-valur ta' kull tali provvista, akkwist jew importazzjoni";

(b) fis-subparagrafu (d), minflok il-kliem "taħt dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "taħt dan l-Att; u"; u

(ċ) wara s-subparagrafu (d), għandu jiżdied dan is-subparagrafu (e) ġdid li ġej:

"(e) meta persuna taxxabbli stabbilita f'Malta taħżen fatturi li hija toħroġ jew tirċievi b'xi mezz elettroniku li jkun jiggarantixxi aċċess *on-line* għad-data u meta l-post tal-ħżin ikun fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn tkun stabbilita, il-Kummissarju ikollu d-dritt ta' aċċess b'mezz elettroniku, jagħmel *download*, u juża dawk il-fatturi bil-għan li jiżgura t-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.".

## Taqsima XXIII

Emenda tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

**116.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

(2) Id-disposizzjonijeit ta' l-artikoli 117, 118, 121, 122 u 123 ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru, 2003 filwaqt li d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 119 u 120 għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 91 tal-Kodiċi.

**117.** Fl-artikolu 91 tal-Kodiċi minflok il-kliem "mill-qorti" għandhom jidħlu l-kliem "minn dik il-qorti skond ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien".

Emenda ta' l-artikolu 106 tal-Kodiċi.

**118.** Fl-artikolu 106 tal-Kodiċi, il-kliem "ta' ġurisdizzjoni volontarja" għandhom jitħassru, u minnufih wara l-kliem "ma hu meħtieġ." għandhom jiżdiedu l-kliem "Għall-finijet ta' dan l-artikolu "tal-qorti" tfisser dik il-qorti jew dawk il-qrati skond ma jistgħu jkunu indikati minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.".

Emenda ta' l-artikolu 113 tal-Kodiċi.

**119.** Fit-tifsira "adozzjoni barranija" fil-paragrfu (d) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 113 tal-Kodiċi minnufih wara l-kliem "dak il-pajjiż barra minn Malta" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew f'Malta dwar tfal mhux soltu residenti f'Malta jew favur konjuġi jew persuna li soltu ma jkunux residenti f'Malta, jew skond id-disposizzjonijiet ta' xi Trattat Internazzjonali li Malta tkun parti fih".

Żieda ta' l-artikolu 130A ġdid mal-Kodiċi.

**120.** Minnufih wara l-artikolu 130 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan l-artikolu 130A ġdid li ġej:–

"Id-disposizzjonijiet ta' trattat internazzjonali għandhom jipprevalu.

130A. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' dan it-Ttitolu, meta adozzjoni barranija tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' trattat internazzjonali li Malta tkun parti fih, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jagħmel regolamenti skond ma huwa jista' jqis li jkun adatt sabiex jiġu implimentati d-disposizzjonijiet ta' dak it-trattat, u s-setgħat tal-Qorti għar-rigward ta' adozzjoni barranija bħal dik għandhom jiġu eżerċitati skond u fil-limiti ta' dak permess mit-termini ta' dak it-trattat u biex jiġi żgurat li d-disposizzjonijiet ta' dak it-trattat jiġu mħarsa.".

**121.** Fis-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 131 tal-Kodiċi minflok il-kliem “għall-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja” għandhom jidħlu l-kliem “għal dik il-qorti skond ma tista’ tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien”.

Emenda ta’ l-artikolu 131 tal-Kodiċi.

**122.** Fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 133 tal-Kodiċi, minflok il-kliem “il-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja” għandhom jidħlu l-kliem “dik il-qorti skond ma tista’ tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien”.

Emenda ta’ l-artikolu 133 tal-Kodiċi.

**123.** Fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 134 tal-Kodiċi, minflok il-kliem “tal-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja” għandhom jidħlu l-kliem “dik il-qorti skond ma tista’ tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien”.

Emenda ta’ l-artikolu 134 tal-Kodiċi.

## Taqsima XXIV

**124.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni, minn issa ’l quddiem f’ din it-Taqsima imsejjaħ “l-Att prinċipali”.

Emenda ta’ l-Att dwar il-Kompetizzjoni. Kap. 379.

(2) Applikazzjonijiet li saru lid-Direttur għall-eżenzjoni individwali u approvazzjoni negattiva taħt l-artikoli 7 u 10 ta’ l-Att dwar il-Kompetizzjoni kif imħassra minn dan l-Att jiddekadu mid-data minn meta artikoli 131 u 134 ta’ dan l-Att jidħlu fis-seħħ:

Disposizzjoni transitorja.

Iżda dawk l-eżenzjonijiet individwali u approvazzjonijiet negattivi li diġà ngħataw qabel ma l-artikoli 131 u 134 daħlu fis-seħħ, għandhom jibqgħu validi iżda jistgħu jiġu emendati jew revokati skond is-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 7 u s-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 10 ta’ l-Att prinċipali kif kienu fis-seħħ qabel ma għadda dan l-Att li għandhom jibqgħu japplikaw għalihom minkejja li qed jiġu revokati b’dan l-Att.

**125.** Fit-titolu twil ta’ l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem “jirregola l-kompetizzjoni” għandhom jiżdiedu l-kliem “, ikun jista’ jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1/2003”.

Emenda tat-Titolu twil ta’ l-Att.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**126.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsiriet "dħul min-negozju", "prattika restrittiva" u "suq rilevanti" għandhom rispettivament jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "dħul min-negozju" tfisser il-bejgħ totali ta' intrapriża realizzat matul is-sena finanzjarja preċedenti fis-suq milqut;

"prattika restrittiva" tfisser ftehim bejn intrapriżi, deċiżjoni minn assoċjazzjoni ta' intrapriżi jew prattika miftiehma pprojbita taħt l-artikolu 5 ta' dan l-Att jew l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u, jew abbuż minn intrapriża waħda jew aktar minn pożizzjoni dominanti ipprojbit taħt l-artikolu 9 ta' dan l-Att jew l-Artiklu 82 tat-Trattat tal-KE;

"suq rilevanti" tfisser is-suq għall-prodott kemm f'Malta jew limitat għal xi zona jew lokalità partikolari f'Malta, jew barra minn Malta, u kemm jekk ikun ristrett għal xi perjodu partikolari ta' żmien jew staġun tas-sena, kemm jekk ma jkunx;" u

(b) għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet li ġejjin u jitqegħdu fl-ordni alfabetiku tagħhom kif imiss:

" "Awtorità Nazzjonali dwar il-Kompetizzjoni" tfisser awtorità nazzjonali dwar il-kompetizzjoni li tiġi msemmija skond l-Artikolu 35 (1) tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) 1/2003;

"Kummissjoni Ewropea" tfisser il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea;

"Stati Membri" tfisser l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea;

"Trattat tal-KE" tfisser it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**127.** Fl-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) li jaqdi l-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha assenjati lilu taħt dan l-Att relatati ma' l-investigazzjoni, determinazzjoni u soppressjoni ta' prattiċi restrittivi; u".

**128.** Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew f'kull liġi oħra".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**129.** Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

"(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' –

(a) ftehim bejn intrapriżi; jew

(b) deċiżjoni minn assoċjazzjoni ta' intrapriżi; jew

(ċ) xi prattika miftiehma,

li f'kull każ jikkontribwixxu lejn l-iskop ta' titjib fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni ta' oġġetti jew servizzi jew fil-promozzjoni ta' progress tekniku jew ekonomiku u li jkunu jippermettu lill-konsumatur igawdi sehem ekwu mill-benefiċċju li jirriżulta u li:

(i) ma jimponix fuq l-intrapriżi involuti xi restrizzjoni li ma tkunx indispensabbli biex jintlaħaq l-iskop imsemmi; jew

(ii) ma jagħtix lill-intrapriżi involuti l-possibilità li jeliminaw jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni għar-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti li jirreferu għalihom il-ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma.

(4) L-intrapriża jew assoċjazzjoni ta' intrapriżi li jitolbu l-benefiċċju tas-subartikolu (3) għandhom ikunu responsabbli li jippruvaw li l-kondizzjonijiet ta' dak is-subartikolu jkunu qegħdin jiġu sodisfatti.

(5) L-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE għandu japplika wkoll meta xi ftehim bejn intrapriżi, xi deċiżjoni minn assoċjazzjoni ta' intrapriżi jew xi prattika miftiehma jistgħu b'mod sensibbli jolqtu l-kummerċ bejn Malta u xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri.

(6) L-applikazzjoni tas-subartikoli (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu ma titqiesx li twassal biex tinkludi l-projbizzjoni ta' xi ftehim, deċiżjoni minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi jew prattiċi miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn Stati Membri iżda li ma jirrestrinġux il-kompetizzjoni fil-kuntest ta' l-Artikolu 81 (1) tat-Trattat tal-KE jew li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE, jew li jinkwadraw f'xi Regolament għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**130.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "fis-suq rilevanti:" għandhom jidħlu l-kliem "fis-suq rilevanti." u l-proviso li hemm mas-subartikolu (2) għandu jitħassar.

Tħassir ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**131.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**132.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "l-artikolu 5" għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5"; u

(b) fis-subartikolu (2), minflok il-kliem "fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 5".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**133.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1), minflok il-kelmiet "fis-suq relevanti mhux leġittimu" għandhom jidħlu l-kliem "f'Malta jew f'xi parti ta' Malta hu projbit";

(b) fis-subartikolu (2), il-kelmiet "fis-suq rilevanti" għandhom jitħassru;

(ċ) is-subartikolu (3) għandu jitħassar;

(d) is-subartikoli (4) u (5) għandhom jiġu enumerati bħala s-subartikoli (3) u (4) rispettivament;

(e) fis-subartikolu (4) kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem "Biex tiddetermina jekk il-prezz tax-xiri jew il-prezz tal-bejgħ ikunx eċċessiv jew inġust, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-fatturi rilevanti kollha u għandha fejn xieraq tieħu

qies ta' - " għandhom jidħlu l-kliem " Biex tiddetermina jekk il-prezz tax-xiri jew il-prezz tal-bejgħ ikunx eċċessiv jew inġust, għandhom jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha u b'mod partikolari - "; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (4) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu (5) ġdid li ġej:

"(5) Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE għandu japplika wkoll meta xi abbuż minn intrapriża jista' jolqot il-kummerċ bejn Malta u xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri." .

**134.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**135.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew wara li ssir talba minn xi Awtorità Nazzjonali dwar il-Kompetizzjoni ta' xi Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni Ewropea". Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

**136.** Minflok l-artikoli 12A u 13 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu dawn l-artikoli 12A, 13 u 13A li ġejjin: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 12A u 13 ta' l-Att prinċipali.

12A. (1) Meta, wara l-konklużjoni ta' investigazzjoni, lid-Direttur jirriżultalu li l-ftehim, deċiżjoni, prattika miftiehma jew mġieba abbużiva investigata tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 u, jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9, huwa għandu joħroġ deċiżjoni li sar ksur, u jimmotivaha.

(2) Meta lid-Direttur jirriżultalu li jkun sar ksur serju tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 u, jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 minħabba l-gravità u kemm idumu għaddejjin il-ftehim, deċiżjoni, prattika miftiehma jew mġieba abbużiva li jkunu ġew investigati, id-Direttur għandu jagħmel rapport lill-Kummissjoni dwar il-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom f'dawk l-investigazzjonijiet, jagħti r-raġunijiet tiegħu dwarhom u jirreferi għall-provi li jsostnuhom, liema provi għandhom fuq talba tal-Kummissjoni jitressqu quddiemha, u wara dan il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuqhom.

(3) Meta lid-Direttur jirriżultalu li jkun sar ksur ta' l-Artikolu 81 u, jew ta' l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE, is-subartikolu (2) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija u Ordni ta' Konformità.

13. (1) Meta joħroġ deċiżjoni li jkun sab ksur taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12A, id-Direttur għandu jibgħat kopja tad-deċiżjoni biex tingħadda lill-intrapriża jew assoċjazzjoni ta' intrapriżi involuti bil-posta reġistrata jew permezz ta' konsenja dokumentata oħra skond ma d-Direttur jidhirlu xieraq, u huwa jista' flimkien ma' dik id-deċiżjoni joħroġ Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija li biha hu jordnalha jew jordnalhom, skond il-każ, li jieqfu u ma jkomplux minnufih jipparteċipaw f'tali ftehim, deċiżjoni, prattika jew mġieba, u, jew Ordni ta' Konformità li tippreskrivi rimedji fl-imġieba jew ta' struttura indirizzati lilha jew lilhom, skond il-każ, bl-iskop li jwaqqfu l-ksur b'mod immedjat u effettiv.

(2) Is-setgħa li tinħareġ Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija u, jew Ordni ta' Konformità f'każijiet ta' ksur definiti fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 12A għandha tkun biss tal-Kummissjoni.

(3) Kull rimedju fl-imġieba jew ta' struttura indikat fl-Ordni ta' Konformità għandu jkun proporzjonat għall-ksur li jkun sar meħtieġ biex iwaqqaf il-ksur b'mod effettiv.

(4) Ir-rimedji ta' struttura indikati f'Ordni ta' Konformità jistgħu jkunu imposti biss meta ma jkun hemm ebda rimedju fl-imġieba li jkun daqstant effettiv jew meta xi rimedju fl-imġieba li jkun daqstant effettiv ikun aktar ta' piż għall-intrapriża involuta mir-rimedju ta' struttura.

Stħarriġ mill-Kummissjoni.

13A. (1) L-intrapriża jew assoċjazzjoni ta' intrapriżi involuta tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni maħruġa mid-Direttur, titolbu jippreżenta dik id-deċiżjoni għall-istħarriġ tal-Kummissjoni, u d-Direttur għandu minnufih jilqa' dik it-talba.

(2) L-intrapriża jew assoċjazzjoni ta' intrapriżi involuta tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' l-Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija u, jew Ordni ta' Konformità maħruġa mid-Direttur, titolbu jippreżenta dik l-Ordni għall-istħarriġ mill-Kummissjoni, u d-Direttur għandu minnufih jilqa' dik it-talba, b'dan iżda li dan l-istħarriġ ma għandux ikollu l-effett li jissospendi l-Ordni

ta' Waqfien u Ebda Tkomplija jew l-Ordni ta' Konformità.".

**137.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a), il-kelmiet "u d-Direttur ma jkunx meħtieġ li f'każijiet bhal dawk jgħarraf lill-Kummissjoni bl-ilment li jkun irċieva" għandhom jitħassru; u

(b) fil-paragrafu (b), minflok il-kelmiet "is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 7" għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13A".

**138.** L-artikoli 15A u 15B ta' l-Att prinċipali għandom jitħassru. Thassir ta' l-artikoli 15A u 15B ta' l-Att prinċipali.

**139.** Minflok l-artikolu 16, ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

"Reati. 16. Kull min jaġixxi bi ksur ta' l-artikolu 5 u, jew l-artikolu 9 ta' dan l-Att, u, jew l-Artikoli 81 u, jew l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att." .

**140.** Fl-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali, minflok in-nota marġinali għandhom jidħlu l-kliem "Diżubbidjenza ta' ordni ta' waqfien u ebda tkomplija u ta' ordni ta' konformità", minnufih wara l-kelmiet "Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija" għandhom jiżdiedu l-kelmiet "jew Ordni ta' Konformità" , minnufih wara l-kelma "Direttur" għandhom jiżdiedu l-kelmiet "jew mill-Kummissjoni", u minflok il-kliem "l-artikolu 12A" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 13" . Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

**141.** Fl-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għal ordni maħruġ" għandhom jidħlu l-kliem "għal miżura interim maħruġa", u minflok il-kliem "wara li dak l-ordni jkun ġie pubblikat" għandhom jidħlu l-kliem "wara li dik il-miżura tkun ġiet pubblikata". Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

**142.** Fl-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali l-kelmiet "Għall-finijiet ta' l-artikoli 16 u 18 deċiżjoni jew ordni tal-Kummissjoni jew tad-Direttur" għandhom jidħlu l-kelmiet "Id-deċiżjonijiet jew ordnijiet tal-Kummissjoni jew tad-Direttur". Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

Thassir ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

**143.** L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

**144.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "16, 18 jew 20" għandhom jidħlu l-kliem "16 jew 18";

(b) l-ewwel proviso mas-subartikolu għandu jitħassar; u

(ċ) fit-tieni proviso mas-subartikolu minflok il-kliem "Iżda wkoll" għandha tidħol il-kelma "Iżda".

Thassir ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

**145.** L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

**146.** Fl-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 5 jew, meta jiġi allegat li jkun hemm abbuż minn pożizzjoni dominanti, skond l-artikolu 9".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

**147.** Minflok l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ma jista' jinħareġ ebda mandat kawtelatorju.

28. Ma jista' jinħareġ ebda mandat kawtelatorju imsemmi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kontra d-Direttur jew il-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

**148.** L-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) ta' l-artikolu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-

Kunsill (KE) 1/2003 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE u jista' b'mod partikolari jipprovdi dwar:

(a) is-setgħat li jingħataw lill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta li jmexxi investigazzjonijiet konġunti, li jikkoopera u jiskambja informazzjoni ma' Awtoritajiet Nazzjonali dwar il-Kompetizzjoni oħra;

(b) il-proċedura għal kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, il-Kummissjoni Ewropea u l-qrati nazzjonali u awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni;

(ċ) is-setgħa li tinħafer jew titnaqqas il-multa applikabbli f'investigazzjoni dwar kartelli.".

**149.** L-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) fil-proviso mar-regola 8:

(i) fil-paragrafu (b), minflok il-kliem "għal dik l-kwistjoni." għandhom jidħlu l-kliem "għal dik il-kwistjoni;" u

(ii) minnufih wara s-subparagrafu (b), għandu jiżdied dan il-paragrafu (ċ) li ġej:

"(ċ) il-Kummissjoni Ewropea fil-każijiet kollha li jinvolvu l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 u, jew l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE għandu jkollha jedd tagħmel sottomissjonijiet dwar kull kwistjoni li tkun quddiem il-Kummissjoni, kif ukoll tippreżenta kull dokument jew prova oħra li jistgħu jkunu rilevanti għall-kwistjoni.";

(b) ir-regola 12 għandha titħassar;

(ċ) ir-regoli 13 u 14 għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regoli 12 u 13 rispettivament;

(d) minflok ir-regola 13 kif enumerata mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"13. Fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għad-deċiżjonijiet preċedenti tagħha, deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Prim'Istanza u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea. Hija għandha wkoll tirrikorri għad-deċiżjonijiet u dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inklużi avviżi interpretattivi fuq id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE u leġislazzjoni sussidjarja relattiva għall-kompetizzjoni." .

## Taqsima XXV

Emenda ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi. Kap. 88.

**150.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-liġi prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fid-29 ta' April, 2004.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**151.** Fit-tifsira "skop pubbliku" fl-artikolu 2 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "minn xi liġi." għandhom jidħlu l-kliem "minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt din l-Ordinanza jkun konness ma' l-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala koness ma' jew ancillari għall-interess pubbliku jew utilità;".

Emenda ta' l-artikolu 29 tal-liġi prinċipali.

**152.** Fl-artikolu 29 tal-liġi prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (10) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:-

"(11) Meta art tkun giet dikjarata bħala soġġetta għal xi drittijiet favur il-Gvern bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Gvern jista' jittrasferixxi kull dritt bħal dak fuq dik l-art lil kull persuna jew awtorità oħra.

Iżda l-eżerċizzju minn min ircieva t-trasferiment tad-dritt lilu hekk trasferit għandu jibqa' jiġi hekk eżerċitat ghal skop pubbliku.".

**Taqsima XXVI**

**153.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, Kap. 325.

**154.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, fit-tifsira "Ministru", minflok il-kliem "awtorizzat għaldaqstant;" għandhom jidħlu l-kliem "awtorizzat għaldaqstant:" u minnufih wara dawn il-kliem għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi principali.

Iżda għall-għanijiet tat-Taqsima VIII ta' dan l-Att, il-Ministru tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;".

**155.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "responsabbli għas-Servizzi Ekonomiċi" għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali.

**156.** Fis-subartikolu (1)(b) ta' l-artikolu 58 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "direttivi relevanti ta' l-Unjoni Ewropea;" għandhom jidħlu l-kliem "atti relevanti preżenti u futuri ta' l-Unjoni Ewropea;". Emenda ta' l-artikolu 58 ta' l-Att prinċipali.

**157.** Minnufih wara l-artikolu 58 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 58A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Setgħa li jsiru regolamenti. 58A. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex iġib fis-seħħ xi jew kull disposizzjoni ta' din it-Taqsima.".

**158.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att" Emenda ta' l-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali.

għandhom jidħlu l-kliem "xi jew kull disposizzjoni ta' dan l-Att, ħlief għad-disposizzjonijiet taħt it-Taqsima VIII,".

## Taqsima XXVII

Emenda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Kap. 123.

**159.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* u għandha tinqara u tiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

**160.** Is-subartikolu (10) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni qabel l-ewwel jum ta' Mejju, 2004 jew li jissodisfa l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru";

(b) fis-subinċiż (ii) tal-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "l-ewwel jum ta' Jannar, 1988" għandhom jidħlu l-kliem "l-ewwel jum ta' Jannar, 1988 imma qabel l-ewwel jum ta' Mejju, 2004 jew li jissodisfa l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru".

## Taqsima XXVIII

Emenda ta' l-Att ta' l-2001 dwar Lotteriji u Logħob Ieħor. Att XXIV ta' l-2001.

**161.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**162.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok it-tifsiriet "ġog tat-tombla", "kartella tat-tombla" u "logħba tat-tombla" għandhu jidħol rispettivament dan li ġej:

“ġog tat-tombla” tfisser kombinazzjoni ta’ kartelli tat-tombla li fuqhom in-numri kollha li jipparteċipaw f’logħba tat-tombla jiġu stampati jew xort’oħra rappreżentati elettronikament, u li permezz tagħhom ġugatur jipparteċipa f’dik il-logħba tat-tombla;

“kartella tat-tombla” tfisser l-unità ta’ logħba li fuqha x’uħud min-numri li jipparteċipaw f’dik il-logħba tat-tombla jiġu stampati jew xort’oħra rappreżentati elettronikament, u li bihom ġugatur jista’ jipparteċipa f’dik il-logħba tat-tombla;

“logħba tat-tombla” tfisser logħba ta’ l-ażżard, magħrufa wkoll bħala “bingo” li fiha l-ġugatur juża’ ġog tat-tombla jew rappreżentazzjoni elettronika tagħhom li jkun fiha numri, u tintlagħab billi jiġu mmarkati jew mgħottija numri mill-wieħed (1) sad-disgħin (90), iż-żewġ numri inklużi, hekk kif ikunu identiċi għal numri mtellgħin għal għarrieda, sew manwalment sew elettronikament, u mirbuħa mill-ġugatur li jkun l-ewwel li jimmarka jew jgħatti waqt logħba waħda “fatta l-lajn” li ssir meta għall-ewwel darba jittellgħu l-ħames numri kollha li jkun hemm f’ringiela orizzontali waħda fuq kartella waħda; jew “fatta tat-tombla” jew “bingo” li ssir meta għall-ewwel darba jittellgħu l-ħmistax-il numru kollha li jkun hemm fuq kartella waħda.”.

## Taqsima XXIX

**163.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Logħob, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ “l-Att prinċipali”. Emenda ta’ l-Att dwar il-Loghob, Kap. 400.

**164.** Fl-artikolu 50 ta’ l-Att prinċipali, minflok il-paragrafu (ċ) għandu jidħol dan li ġej:– Emenda ta’ l-artikolu 50 ta’ l-Att prinċipali.

“(ċ) jirregola l-*junkets* u jippreskrivi r-rata ta’ taxxa li tapplika għal kull dħul ġenerat mill-*junkets*;”.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 128 tal-11 ta' Mejju, 2004.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*